**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 67/2019*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-vs-**

**Mark Anthony Cardona, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 449277M;**

**Ryan Briffa, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 169990M**

**Illum**: 5 t'Ottubru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati **Mark Anthony Cardona u Ryan Briffa** u cioe` talli:

> Nhar il-11 ta' Jannar, 2019, ghall-habta ta' bejn l-12:00hrs u is-13:45hrs minn gewwa ir-residenza bin-numru 30 u bl-isem Zardor li tinsab fi Triq l-Gharghar 1979, Qormi:

1. ikkommettew serq ta' flus u gojjelerija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-elfejn, tlett mija w disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar ghad-dannu tal-familja Sammut u/jew ta' xi persuna/i ohra;

2. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Anna Sammut kontra l-volonta' taghha;

3. Ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anna Sammut hekk skond kif iccertifika Dr. Kauson MD mic-Centru tas-Sahha ta' Qormi;

4. Ġarrew 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellhom licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saru ricedivi ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Lil **Ryan Briffa** wahdu

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D. fid-digriet tieghu tat-13 ta' Novembru, 2017, hekk li bih tah il-helsien mill-arrest.

Il-Qorti gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-**20 ta' Jannar, 2020,** permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(e), 262(1)(a)(b)(2), 263, 267, 269(g), 274(c), 275, 276, 277(b), 279 u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 221(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 51(7) u 55(a) tal-Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U fil-Konfront ta' <u>Ryan Briffa wahdu</u>:

[1] Fol.561-562

- Fl-artikolu 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

**Preliminari**

Bhala punt preliminari din il-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward ir-relazzjoni esebita mill-espert Keith Cutajar, esebita f'dawn l-atti, li tirrigwarda ic-cellulari ta' Michael Mifsud.

L-espert Cutajar esebixxa r-relazzjoni tieghu rigward l-analizi li saret minnu fuq il-*mobile phone* esebit mill-Ispettur Lydon Zammit (**Dok.LZM**) li ingabar minn fuq il-persuna ta' Michael Mifsud.[2] Ghalkemm l-abbli difiza ma ressqet l-ebda oggezzjoni fir-rigward, il-Qorti tissotolineja li l-inkarigu tal-imsemmi espert kien limitat ghal dak li gie inkarigat jaghmel fl-inkjesta mill-Magistrat Dr. Simone Grech u minn din il-Qorti. Il-Magistrat Grech qatt ma inkarigat lill-espert Cutajar janalizza l-*mobile phones* ta' xi imputat, izda biss li jeleva u janalizza *footage* minn diversi *cctv cameras*.[3] Kienet din il-Qorti li, f'dawn il-proceduri, estendiet l-inkarigu tas-Sur Cutajar sabiex janalizza l-*mobile phones* tal-imputati Briffa u Cardona esebiti mill-Ispettur Fleri permezz ta' verbal tal-5 ta' Frar, 2019.[4]

L-inkarigu sabiex janalizza l-*mobile phone* ta' Michael Mifsud sar aktar minn xahar wara u mhux f'dawn il-proceduri izda fil-proceduri **Il-Pulizija vs Michael Mifsud**. Tant hu hekk li L-Ispettur Lydon Zammit jghid *"Ha nibdew fuq Michael Mifsud biss, qed tigi esebit mobile phone …mmarkat LZM"*.[5] Il-prosekuzzjoni qatt ma talbet sabiex kopja tar-relazzjoni tal-abbli espert fil-proceduri kontra Mifsud tigi inserita f'dawn l-atti, izda jidher li talbet lix-xhud jixhed u jipprezenta kopja minghajr ma talbet l-estensjoni tal-inkarigu ta' Cutajar, sabiex janalizza l-*mobile phone* ta' Mifsud, ghall-finijiet ta' dawn il-

[2] **Dok.KCMM** a fol.344 et seq
[3] **Vide Dok.KC** a fol.275
[4] Fol.9-10
[5] Fol.185

proceduri. Lanqas ma gie registrat xi qbil bejn il-partijiet biex minkejja n-nuqqas tal-imsemmi inkarigu, ir-rapport ta' Cutajar rigward ic-cellulari ta' Mifsud jigi inserit f'dawn l-atti. Ghaldaqstant din il-Qorti hi prekluza milli tiehu konjizzjoni tar-relazzjoni **Dok.KCMM**.[6]

**Il-Provi**

Giet inserita fl-atti ta' dawn il-proceduri, kopja tal-**Proces Verbal Nru. 252/19** redatt mill-Magistrat Dr. Simone Grech.[7]

Il-**Current Incident Report**[8] li gie kkonfermat minn **WPS 161 Tania Camilleri** li kienet l-ufficjal li marret fuq il-post u tkellmet ma Anna Sammut,[9] issemmi li fil-verzjoni *a tempo vergine*, Sammut tistqarr: *"Tnejn mill-malviventi **kienu ta' statura irqaq u twil u l-iehor imbaccac u qasir**….Wiehed minnhom qalilha li jekk tqabizielhi, nhanxarlek rasek u qalulha ukoll 'Tghajjatx'. Hija rat li fuqhom kellhom sikkina u tnejn minnhom kellhom ingwanti tad-drapp kulur ahdar u l-iehor par suwed. Dak li rabatha, kellu maskra tac-carruta u qalilha li naqra flus ghad-droga rridu ahna u l-iehor li kellu tights minn lewn il-gilda ma wiccu. Meta rabtuha riedu jdahhluha gol-garage imma hi ma halliethomx….xi l-12:00hrs, rat mis-cctv taghha, ragel bil-beritta bajda b'sidrija u qalilha li kien tal-posta".*[10]

**Anna Sammut**, id-derubata, bdiet biex tispjega kif fil-11 ta' Jannar, 2019, meta kienu xi 11:30am kien habtilha xi hadd, izda meta marret tittawwal ma rat lil hadd. Staqsiet lil wiehed garr taghha li qalilha li kien il-pustier.[11] Xi 1pm rega' habtilha persuna li qalilha li kellha l-posta w kien jinhtieg tiffirma fuq pakkett. Sakemm hi kienet qed tkellmu w tispekula mieghu min seta' bghatilha *parcel*, x'hin il-pustier kien dahru lejn il-bieb u b'wiccu faccata taghha, hasset lil xi hadd jimbottaha lura b'wicca fuq it-tarag.[12] Dahhlu zewg malviventi fejn wiehed minnhom dahal fil-garaxx minn go bieb li jinsab vicin fl-indana tal-bieb ta' barra, filwaqt li l-iehor **taha daqqa ta' sieq bir-rkoptu go genbha**. Intrabtulha saqajha peress li meta ppruvaw jorbtulha jdejha w halqa hi bdiet tissara maghhom.[13] **Dak li ghamilha ta' pustier, *"dak li gie jhabbatli"*,**

[6] Fol.273 et seq
[7] Fol.209. PV esebit bhala **Dok.DZ** a fol. 213-232
[8] **Dok.FF8** a fol.54-59
[9] Fol.191-192. Kopja ohra tar-rapport **Dok.TC** a fol.193-197
[10] Fol.58 u fol.196
[11] Fol.14
[12] Fol.14-15
[13] Fol.15-16

**poggilha sikkina ma ghonqha**.[14] **B'id wahda giet fgata w b'ohra nghalqilha halqa filwaqt li qalulha toqghod kwieta ghax joqtluha**.[15]

Dak li dahal fil-garaxx bdew jirreferu ghalih bhala *"iz-Zebbugi"* u dak li tela' fuq *"iz-Zabbari";* **it-tnejn kienu mghammdin**. Dak li ghamilha tal-pustier kien liebes gakketta bl-ghonq imtella l-fuq, kellu qisu *tights/pop sock* fl-abjad ma' wiccu w kien liebes beritta. Dak li baqa' maghha beda jzommha marsusa mat-tarag billi beda jaghfas idejha fuq l-istonku taghha w fuq zaqqha.[16] Il-'pustier' kien mibni w ta' statura twila.[17] Meta dak li dahal fil-garaxx –'iz-Zebbugi' - sab ir-*recorder* tas-*cctv,* mar qaghad ghassa maghha, filwaqt li l-'pustier' dahal il-garaxx u ftit wara tela' fuq jghin lil siehbu.[18] Ma sar l-ebda diskors miz-'Zabbari', li wara li taha daqqa f'genbha baqa' tiela fuq.[19] Iz-'Zebbugi', b'wiccu mghammad, dahal fil-garaxx filwaqt li **l-'pustier' ghall-ewwel baqa' bis-sikkina ma ghonqha** izda wara tela' fuq jghin liz-'Zabbari' filwaqt li z-'Zebbugi', baqa' ghassa maghha minfloku ma Sammut.[20]

Anna Sammut ipprezentat lista[21] tal-flus u oggetti li sabet nieqsa w cioe` flus ta' cekk li kien ghadu kemm issarraf fl-ammont ta' **€3,256;**[22] **€1,400** li kienu twarrbu ghal irhama tal-qabar; **€700** li kienu mwarrba ghall-quddies; xi **€50** ohra li kienu fil-portmoni u *mobile card* ta' **€20**. Insterqu wkoll ghad ta' **gojjelli w dehebijiet**: tlett pari imsielet, barbazzal, brazuletta, gizirana, lira tad-deheb, sitt crieket, erba' limi tad-deheb, ghaxar crieket, zewgt icpiepet, erba' gizirajjen, lima tad-deheb ohra u sitt pari imsielet.[23] Dawn id-dehebijiet kienu fil-kamra tas-sodda, fit-twaletta, fil-fond 30 Zardor, Triq-Gharghar 1979, Qormi.[24] Il-malviventi damu xi nofs siegha go darha, u meta telqu hallewha marbuta ghalkemm qabel ma hallew il-fond taghha, kienet tkarbet maghhom biex iholluha.[25] Ghall-ewwel kienet marbuta bil-qeghda izda meta raw li bdiet tissara maghhom, middewha mal-art fuq it-tarag tant li it-truf tat-tarag dahhlulha go darha x'hin bdew jaghfsuha mal-art.[26] **Sammut tghid li fuq il-post <u>sabet beritta hadra</u> li ttiehdet mill-pulizija.**[27]

---

[14] Fol.16
[15] Ibid.
[16] Ibid.
[17] Fol.17
[18] Fol.17-18
[19] Fol.23
[20] Ibid.
[21] Fol.18. **Dok.AS1** a fol.35
[22] Fol.18. **Dok.AS** a fol.34
[23] Fol.18-19
[24] Fol.20
[25] Fol.21
[26] Ibid.
[27] Fol.24

Tispjega kif xi jiem qabel is-serqa kienet lemhet *pick-up* iswed li baqa' tiela l-bankina u gie maghha. Persuna wahda kien hemm fih u kien mghobbi bi skart goff bhal *fridges, geyzers* u *scrap iehor*.[28] Tixhed li wara s-serqa bdiet tiehu pilloli kontra d-*depression*.[29]

Din il-kawza nstemghet flimkien ma zewg kawzi ohra **il-Pulizija vs Patrick Mangion** w **il-Pulizija vs Michael Mifsud** ukoll decizi llum. Sammut identifikat lill-imputat Mangion bhala dak li ghamilha tal-pustier, li zamm sikkina ma ghonqha u li kien liebes liebes kalzetta f'wiccu.[30] Tghid li tahseb li kien Mangion minhabba l-istatura tieghu izda zzid dettal importanti ferm u cioe` li **l-pustier kellu mustacci suwed.[31]**

Jigi sottolinejat li dakinhar tas-seduta kien biss l-imputat Mangion li kellu daqna; Sammut ittenni li jidrilha li kien hu l-'pustier' propju minhabba l-istatura tieghu.[32] Tiddentifika persuna ohra li kien mghammad u baqa' ghassa maghha u dan semplicement ghax kien l-iqsar fost l-imputati prezenti.[33] Dwar il-**kalzetta li kien liebes ma wiccu il-'pustier'** tghid li din kienet ta' materjal qisu *fish net* izda naqra hoxna, *"Qisu tights…jew pop socks..ma kienx naqra rqiq hafna imma jidher…qisu kulur il-laham imma aktar fl-abjad."*.[34] Lejn l-ahhar tax-xhieda taghha Anna Sammut tiddeskrivi il-hwejjeg li kienu liebsin il-malviventi: *"Tal-Posta qalziet iswed jew blue nahseb iswed kien, flok blue dan tas-suf qisu, imbaghad sidrija fuqu, l-ghonq imtella sa fuq nett hekk, bil-beritta bajda go rasu …. Bil-pizz, nuccali [tal-vista] mija fil-mija kien finta ghax malli dahal gewwa nehhieh….malli dahal gewwa nehhieh, jigifieri finta kien."*. Dak li baqa' maghha kellu **maskra** filwaqt li lil dak li tela` fuq ma ratux: *"Jien lilu [tal-posta] biss rajt, jien lilu biss ftaht, jien lill-ohrajn ma ftahtilhomx."*[35]. Dak li bdew jghajjtulu 'iz-Zebbugi' kien liebes gakketta u qalziet suwed, qisha *track suit* wiesa, filwaqt li min tela' fuq gakketta hadra, li dehret wiesa wkoll.[36]

**Dr. Mario Scerri** u **Dr. Joseph Cassar** li ezaminaw lil Anna Sammut pprezentaw ir-rapporti rispettivi taghhom.[37] Fil-konkluzzjoni tieghu Dr. Scerri jghid li waqt l-ezami mediko legali ma kienx hemm lezjonijiet vizzibli.[38]Dr.

[28] Fol.21-22
[29] Fol.26
[30] Fol.27
[31] Fol.28
[32] Fol.28-29
[33] Fol.27
[34] Fol.29
[35] Fol.30
[36] Fol.31
[37] Fol.118
[38] Fol.128. **Dok.MS** a fol.120 et seq.

Cassar jghid li sab li Sammut qed *"ssofri minn anzjeta` u nevrozi trawmatika (Post Traumatic Stress Disorder)* ***b'rata ta' dizabilita` ta' 10%"*** tant li gie rrakmandat li tibqa' f'kuntatt regolari ma *team* psikjatriku.[39]

**L-Ispettur Fabian Fleri** jixhed li wara li sar rapport mid-derubata nbdiet inkjesta magisterjali; fost ohrajn inhatar espert sabiex jeleva *cctv footage* sitwat biswit il-fond tad-derubata, kif ukoll minn *cctv cameras* li hemm fit-triq. Il-pulizija giet awtorizzata tiehu kopja tal-*footages* elevati. Inhatret Dr. Marisa Cassar sabiex taghmel ezamijiet ghad-DNA minn fuq beritta li thalliet fuq il-post mill-malviventi.[40] Ikompli biex jaghti stampa (*overview)* estensiva tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija li wassluha sabiex tiddentifika l-malviventi.

- *Il-Pick-Up*

Peress li Sammut kienet semmiet li xi jiem qabel kienet rat *pick-up* vicin ir-residenza taghha, il-pulizija gabru l-filmati tal-jiem precedenti ghall-11 ta' Jannar.[41] Irrizulta li fit-3 ta' Jannar, il-*pick up* ghadda quddiem ir-residenza taghha w meta Sammut giet murija l-filmat, osservat mal-pulizija li <u>ghaddej quddiem il-bieb tar-residenza taghha bl-istess ilbies tal-jum li fih sehhet is-serqa, deher ukoll dak li ghamilha ta' pustier</u>. Fit-3 ta' Jannar fuq il-*pick-up* kien hemm xi hadid, filwaqt li dakinhar tas-serqa, kien mghobbi bil-*pellets*. Dan il-*pick-up* gie identifikat bhala Toyota Hilux, tal-marka Invincible ta' kulur iswed u fiz-zewg okkazzjonijiet kellu pjanci ta' registrazzjoni numru BBG-917. Il-malviventi jidhru li damu 29 minuta fi-residenza ta' Sammut.[42] Fleri jsemmi kif *"Meta habbat dak li ghamilha ta' pustier u fethitlu l-bieb, il-persuni l-ohra gew b'dan il-pick up li semmejt, nizlu minnu u x'hin lestew wasal il-pick up, ghax il-pick up baqa' sejjer mar x'imkien iehor, il-pick up gie, rikbu u telqu, allura hemmekk stajna nikkonstataw li xi hadd mit-tlett persuni li kienu gewwa cempel lix-xufier ta' dan il-pick up biex jigi ghalihom ghax milli stajna nsegwu u mic-CCTV cameras ma baqax fil-vicinanzi immedjati imma mar aktar il-boghod."*[43]

Il-pulizija sabet li n-*number plates* tal-*pick-up,* BBG 917, jappartjenu ghall-vettura Isuzu NKR, li hu *removals van* irregistrat w uzat minn persuna li rrizultat estraneja ghal dan il-kaz. Wasslu ghal din il-konkluzjoni wara li osservaw li n-*number plates* fuq l-Isuzu qatt ma kienu nqalghu minn fuqu ghaliex il-boltijiet li kienu mwahhlin bihom kienu imsaddin, kif ukoll in-numru kien iccara bil-*wear and tear* filwaqt li n-*number plate* tal-*pick-up* jidher gdid fjamant minghajr it-

---

[39] Fol.134. **Dok.JC** a fol.130 et seq.
[40] Fol.36-37
[41] Fol.37
[42] Fol.37-38
[43] Fol.38

toqob li jikkorispondu mat-toqob fuq il-pjanci tal-Isuzu. Il-materjal tal-pjanci tal-*pick-up* dehru ta' materjal differenti wkoll, pjuttost xi tip ta' *plastic* jew *perspex*. Dan wassal lill-investigaturi biex jikkonkludu li l-*pick-up* kellu pjanci foloz.[44]

- *Mark Anthony Cardona*

Hekk kif deher cjar mill-*footage* li dak li ghamilha tal-pustier kien Mark Anthony Cardona, intalbet il-*localization data* u *call profiles* mill-1 ta' Jannar sal-jum tas-serqa tan-numru wzat minn Cardona, 77647570. Irrizulta li fil-hin li kien fuq il-post fit-3 ta' Jannar kif ukoll dakinhar tas-serqa, il-11 ta' Jannar, il-*mobile* jew kien mitfi jew ghamel perjodu ta' bejn saghtejn jew tlett sighat ma jintuzax.[45]

- *Patrick Mangion*

Irrizulta wkoll li ezatt qabel ma mar fuq il-post fiz-zewg okkazzjonijiet, sar kuntatt ma' zewg numri partikolari li huma 99144941 u 79036607. Ingiebu l-*localisation* u *call profile* data ta' dawn in-numri, li ma kienux registrati, minn fejn irrizulta li kien hemm diversi kuntatti bejn dawn in-numri u dak ta' Cardona. Sadanittant kien hemm suspett li n-numru 99144941 seta' kien jappartjeni lil Mangion peress li kien hemm telefonati frekwenti lill-persuna li l-pulizija kienu jafu li hi l-*partner* tieghu, ma bintha, kif ukoll ma persuni maghrufa li jiffrekwentahom l-istess Mangion.[46]

- *Ryan Briffa*

Il-pulizija ssuspettat li n-numru l-iehor, 79036607, kien ta' Briffa minhabba l-kuntatti li saru minn fuqu. Mill-*localization data* tat-3 ta' Jannar kif ukoll tal-11 ta' Jannar, fil-hin li kienet qed issir is-serqa, rrizulta li l-mobile 99144941 suspettat bhala dak ta' Mangion kien fl-akkwati fejn sehhet is-serqa.[47]

- *In-numru 79338063*

Il-*call profile* ta' dan in-numru wera, li ezatt qabel ma l-malviventi hargu mid-dar biex riekbu fil-*pick up*, Mangion ghamel zewg telefonati lin-numru 79338063, wahda minnhom *missed call* u ohra fejn min irceva t-telefonata

[44] Ibid.
[45] Fol.39
[46] Ibid.
[47] Ibid.

rrisponda u qata'. Sa dak iz-zmien ma kienx ghadu maghruf lil min kien jappartjeni in-numru 79338063.[48]

- *Footage Detox Centre.*

Il-pulizija sabet li kemm fit-3 u kemm tal-11 ta' Jannar, Mangion, Briffa u Cardona kienu marru d-Detox Centre; Briffa u Cardona marru flimkien siegha qabel. Ghalhekk ingabar l-*footage* tac-centru minn fejn irrizulta li Ryan Briffa u Mark Anthony Cardona **kienu liebsin l-istess hwejjeg li jidhru fil-filmat tas-serqa**, apparti li Cardona kien zied il-*baseball cap*, in-nuccali tal-vista u s-sidrija li spjegat Anna Sammut.[49] Mangion kien mar ftit qabilhom. B'hekk inhargu mandati t'arrest ghalihom.[50]

- *Arrest ta' Patrick Mangion*

Patrick Mangion gie arrestat hekk kif mar iwassal lis-siehba tieghu d-Detox u fil-karozza misjuqa minnu gie elevat *mobile* li kellu n-numru **99948152.** Minn taht is-seat, instab *pouch (man bag)* ta' kulur blu u diversi cwievet. Saret tfittxija fl-appartament li fuqu ghandu rregistrata l-I.D. card tieghu, izda dan l-appartament huwa kompletament vojt u kien qed jigi *refurbished*. Il-*partner* tieghu qalet lill-pulizija li Mangion generalment jorqod fl-appartament taghha li jinsab fl-istess blokka. Ghalhekk saret tfittxija go dan l-appartament u fil-kexxun tal-komodina ta' fejn jorqod Patrick Mangion, gie elevat mobile tal-marka Samsung bl-IMEI Number 356456094743568 li jappartjeni lin-numru cellulari **99144941** li ntuza dakinhar tas-serqa. Gew elevati wkoll qalziet tad-ditta Puma kulur blue jixbah dak li ntuza fis-serqa, *hoodie* tal-marka Puma li ntuza fis-serqa u l-kaxxa tal- mobile Samsung tal-istess numru li kienet wara t-*television* fl-istess kamra.[51]

Mill-*phone book* tac-cellulari li nstab fil-vettura ta' Patrick Mangion irrizulta li kellu n-numri kollha li ssemmew bhala li jappartjenu lill-imputati l-ohra u cioe`:

> in-numru **79036607** li kien registrat fuq l-isem 'Kanna'; Ryan Briffa hu maghruf bil-laqam 'Kanolla';
> in-numru **79647570** li kien registrat darbtejn bhala 'Marco';
> in-numru **99144941** kien registrat fuq l-isem 'Pat'.[52]

---

[48] Ibid.
[49] Fol.39-40
[50] Fol.40
[51] Fol.40
[52] Fol.40-41

- *Arrest ta' Ryan Briffa*

Fl-4pm gie arrestat Ryan Briffa f' Imdina Road, Haz-Zebbug, waqt li kien qed isuq vettura tal-marka Peugeot 106, hamra, bin-numru DBR 596. Fuq il-persuna tieghu nstab *mobile* Nokia, *dual sim*, u cioe` b'zewg IMEI numbers li kienu 358081425836 u 358566080847831 fejn is-*sim cards* kellhom in-numri **99699161** u **79036607**. Hu propju 79036607 li kien t'interess ghall-pulizija.

Fil-hin tal-arrest, **Briffa kien liebes qalziet ta' *track suit* ta' kulur blue tad-ditta Athletic Sports li kien mar id-Detox bih dakinhar tas-serqa fil-11 ta' Jannar**; liema qalziet gie elevat.[53]

Meta Briffa gie mitkellem mill-Pulizija qal li ma jafx min hu Mark Anthony Cardona, li qatt ma rah u lanqas qatt ma kelmu. Baqa jinnega li jafu ghalkemm gie rrinfaccjat bil-fatt li kien mar mieghu fl-istess vettura id-Detox Centre[54] Fil-fatt l-ispettur jirrakonta kif meta tressqu l-qorti l-imputati, Briffa, li kien bil-wieqfa hdejn Cardona, gie osservat jistaqsi lil Cardona min hu peress li allegatament ghamlu s-serqa flimkien. Briffa ma rrisponda ghall-ebda domanda li saritlu fl-interrogazzoni inkluz biex jikkonferma l-partikolaritajiet tieghu. [55]

- *Arrest ta' Mark Anthony Cardona*

Mark Anthony Cardona gie arrestat fl-istess jum mir-residenza ta' ommu minn fejn gie elevat Samsung Galaxy S4 *mobile* IME number 36845057952317 li kellu *sim card* **77647570**; dan kien in-numru t'interess ghall-pulizija. Instabu wkoll zewg *mobiles* ohra tal-marki Nokia u Samsung li kienu bla *sim card*.

Gew elevati wkoll **gakketta, sidrija ta' kulur iswed tad-ditta Anna Morelle w zarbun *slip-on*, size 41, ta' lewn kannella, li mill-*footage* jidher liebes meta ghamilha ta' pustier.**[56]

Meta Cardona gie interrogat, innega li kien hu li jidher fil-filmat filwaqt li qal li jaf lil Briffa peress li gieli marru d-Detox flimkien fejn Briffa kien jghaddi ghalih fir-residenza tieghu.[57]

[53] Fol.41
[54] Fol.41-42
[55] Fol.42
[56] Fol.42
[57] Ibid.

Fl-ahhar tax-xhieda tieghu Fleri jissotolineja li dakinhar tas-serqa Cardona kellu **l-istess dehra tal-jum li fih gie arrestat** u cioe` **kellu daqna ittrimjata forma ta' linja bil-mustacci** kif jidher minn *mugshots* li ttiehdu mal-arrest tieghu.[58] Dawn gew esebiti minn **RPC3190 Arthur Debattista**.[59]

L-ispettur Fleri esebixxa,[60] *inter alia, audio-visual statement* ta' Briffa;[61] ricevuta tal-oggetti li gew elevati minghand Briffa[62] u *mobile* bi *dual sim* li gie elevat minghand l-istess imputat.[63] Rigward Cardona gew esebiti *inter alia, audio-visual statement;*[64] ricevuta tal-oggetti mehuda minghandu[65] kif ukoll *evidence bag* bi tlett *mobile phones.*[66]

Gie esebit ukoll il-**Current Incident Report**[67] dwar is-serqa w certifikat mediku dwar Anna Sammut.[68]

- Stqarrijiet tal-Imputati

(i). Fl-istqarrija awdjo-viziva tieghu li giet ezaminata mill-Qorti,[69] Cardona jghid li ma jmurx Hal-Qormi ta' spiss jekk mhux fuq xoghol mal-Animal Welfare.[70] Wara jzid li jmur Hal-Qormi biex jghaddi jghid kelma ma missier Ryan, Wigi.[71]Jiddentifika lil dan Ryan bhala l-imputat Briffa, izda jtenni li ma jghamilix mieghu.[72] Ikompli li ghamel zmien jiltaqa' mieghu ghax iwasslu biex jiehu l-mistura li kienu jmorru ghaliha l-ewwel haga filghodu.[73] Ma jiftakarx fejn kien dakinhar tas-serqa li kienet sehhet biss gimghatejn qabel,[74] u muri ritratt ta' dak li mar ihabbat mar-residenza derubata, u cioe` <u>lilu nnifsu</u>, jghid li mhux hu.[75] Jichad li kien involut fis-serqa.[76] Ma jinnegax li fil-11 ta' Jannar kien

[58] Fol.44
[59] Fol.248. *Mugshots* esebiti u mmarati **Dok.AB** a fol.250
[60] Xhieda a fol. 43-44
[61] **Dok.FF** a fol. 46
[62] Ricevuta numru A4412 esebita bhala **Dok**. **FF1** a fol.47
[63] **Dok. FF3** a fol. 49
[64] **Dok.FF5** a fol. 51
[65] **Dok.FF6** a fol. 52
[66] **Dok.FF7** a fol. 49
[67] **Dok.FF8** a fol. 54 et seq
[68] **Dok FF9** a fol. 60
[69] Audio-Visual CD a fol.51. Traskrizzjoni taghha, **Dok. LV** a fol.80-113 maghmulha minn Dr. Lennox Vella a fol.78
[70] Fol.83
[71] Fol.84
[72] Fol.85
[73] Fol.85-86
[74] Serqa sehhet nhar il-11 ta' Jannar, 2019 u l-istqarrija ttiehdet fit-30 ta' Jannar, 2019
[75] Fol.87-88
[76] Fol.89

ma Briffa meta marru ghall-mistura.[77] Jaghti n-numru tal-*mobile* tieghu bhala **77647570**.[78] Ikkonferma li mir-residenza t'ommu ittiehdu zarbun, gakketta u tlett *mobiles* u *sim card*.[79] Jghid li mal-imputat Mangion ltaqa' darba id-*detox*, u gieli cemplu lil xulxin.[80] Jikkonferma li fuq il-*mobile* tieghu hemm in-numru ta' Mangion izda bhala persuna kien jimbuttah.[81] Wara li marru ghall-mistura rritorna d-dar.[82]Ikompli jinnega li kien sawwat lid-derubata u anke li kien fuq ix-xena.[83] Ikkonfrontat bir-rizultanzi tal-investigazzjoni li jimplikaw lilu u lill-imputati l-ohra jibqa' jinnega, dettalji ma jiftakarhomx, u jaghti twegibiet li huma inkoerenti.

Il-Qorti tqis li r-rejazzjoni ta' Cardona mhux wahda mistennija minn bniedem li qed jigi kkonfrontat b'allegazzjonijiet serjissimmi, allegazzjonijiet msahha b'dettalji tant precizi. Interessanti hu l-fatt li l-unika rejazzjoni ta' rabja ma tasalx meta jigi akkuzat bl-involviment tieghu f'serqa armata fuq mara wahedha, izda meta tissemma' ommu! Lejn l-ahhar tal-interrogazzjoni jiddikjara *"La kont hemm, la ghamilt xejn, qed takkuzawni ghal xejn jahasra. Ma nafx x'naqbad nghidlek aktar ..... nirringrazzjakhom talli kontu gentili mieghi"*.[84]

(ii). Giet esebita wkoll l-istqarrija li ttiehdet b'mezzi awdjo-vizzivi, ta' Ryan Briffa.[85] L-imputat Briffa ma rrisponda ghall-ebda domanda, inkluz dawk rigward il-*particulars* tieghu.[86]

**PC965 Maverick Camilleri** xehed kif fir-residenza ta' Cardona u precizament minn go kamartu, gew elevati zewg *mobiles*.[87] Ikompli *"bdejt infittex fil-gwardarobba fejn innutajt li kien hemm* ***gakketta sewda u kellha fuq id-dahar bicca zghira bajda u fuq il-filmat kienet tidher taqbel li sehhet is-serqa biha****. Elevajt dik il-gakketta u* ***nnutajt ukoll zarbun*** *li kien qieghed fil-genb tal-kamra go kaxxa kannella u elevajt dak iz-zarbun"*[88]. L-hwejjeg gew esebiti mix-xhud li anke gharaf *mobiles* u *sim cards* esebiti a fol.52.[89]

---

[77] Ibid.
[78] Fol.90
[79] Fol.92
[80] Fol.94
[81] Fol.95-96
[82] Fol.98
[83] Fol.99-100
[84] Fol.111
[85] **Dok.FF** a fol.46. Stqarrija traskritta minn Dr. Lennox Vella a fol. 114-117
[86] Fol.114-115
[87] Fol.237
[88] **Dok.MC** li nghata Exhibit Number **KA145/2019**. Vide fol.240
[89] Fol.241-242

**PC702 Adrian Briffa** kien involut fit-tfittxija li saret minn PC965 fir-residenza ta' Cardona u l-arrest tieghu. Gew elevati sidrija blu, zarbun u *mobiles* li gew identifikati mix-xhud meta murija lilu.[90]

**PC1541 Joseph Agius** kien dar l-akkwati fejn sehhet is-serqa sabiex jigu identifikati xi *cctv cameras* ohra. Instabet *camera* li biha gie infurmat l-ispettur Agius sabiex din tigi elevata mill-espert tal-Qorti mahtur fl-inkjesta rilevanti.[91]Jaghti dettalji dwar l-arresti li kien involut fihom: "*Imbaghad aktar tard komplejna t-tfittxija ghal Briffa ghax ahna fuqu kellna x'naqsmu imbaghad u l-grupp l-iehor kompla ifittex lil Cardona. Wara hafna tfittxija gewwa Hal-Qormi u gewwa l-Marsa, Briffa instab isuq il-vettura tal-ghamla Peugeot ta' kulur ahmar li kien hiereg minn gewwa Triq ix-Xitwa, baqa' tiela' minn Triq il-Hammieri u wara hafna tentattivi sabiex dan jitwaqqaf, gie mwaqqaf fi Triq l-Imdina Haz-Zebbug…… qabel ma hadnieh il-lock up morna gewwa Triq il-Kbira fejn joqghodu l-genituri tieghu numru 31 fejn saret search fil-presenza kemm tieghu u kemm ta' ommu u missieru fejn* ***gie elevat qalziet li kien ghadu liebes hu*** *u geghlnih jilbes qalziet iehor sakemm jigi elevat, imbaghad wara gie mehud gewwa l-lock up tal-Floriana.*"[92]

**L-Ispettur Lydon Zammit** ddeskriva kif sehhet is-serqa w dan skond ma qalet lill-pulizija Anna Sammut.[93] Meta ezamina l-filmat ta' *camera* installata ma garaxx biswit ir-residenza ta' Sammut, xi siegha qabel is-serqa dehret persuna li Sammut tiddeskrivi bhala l-pustier ihabbtilha l-bieb. Jerga' jidher ghall-habta tas-1pm, ihabbat u jidhol gewwa. Jixhed f'dettal dwar l-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija li wasslu sabiex jitressqu diversi persuni in konnessoni ma din is-serqa:[94]

"*Waqt l-investigazzjoni irrizultalna minn informazzjoni wkoll li il-persuna li ghamilha ta' postman, l-ewwel wiehed kien certu Cardona. Gie kkonfermat ukoll li kemm it-Toyota Hilux u kemm l-istess persuna li ghamilha ta' postman kienu marru fit-tlieta ta' Jannar 2019. Din giet kkonfermata wkoll id-data mill-vittma innifisha li qaltilna li kienet rat l-istess van idur fl-akkwati fit-3 ta' Jannar u filfatt kienet anke tatna l-hin u kollox u d-data u ghalhekk stajna naslu f'dik id-data ezatt mill-istess sistema tac-CCTV morna ahna rajna dawn l-affarijiet. Gie kkonfermat li* ***Cardona juza in-numru 77647570*** *…………mill-call profile irrizulta li fit-3 u fil-11 ta' Jannar fost granet ohra imma l-aktar f'dawk il-granet sar kuntatt frekwenti fuq in-numru* ***79036607 li huwa tal-kumpanija Go li skond is-sistema taghna kien jghajjat lil Briffa*** *kif ukoll kien hemm kuntatti frekwenti kemm fit-3 ta' Jannar u kemm fil-11 ta' Jannar kemm fil-*

[90] Fol.178-179
[91] Fol.244
[92] Fol.244-245
[93] Fol.177
[94] Fol.178

*hinijiet u kemm matul is-serqa lil numru **99144941 li iktar minn investigazzjoni aktar tard kien irrizultalna li kien ta' certu Mangion.**[95]*

*Sar ir-request fuq rigward localisations fuq dawn it-tlett mobiles fejn irrizulta li il-mobile ta' Cardona fil-hin li saret is-serqa ma ntuzax jigifieri ma kienx hemm localisation ta' Briffa kien l-istess izda ta' Mangion kien hemm il-localisation, in-numru li ahna abbinajna ma' Mangion in-99144941 gie kellu localisation li kienet fl-area tar-residenza fejn saret is-serqa.[96] …….. Minn aktar informazzjoni irrizulta li kemm fit-3 ta' Jannar u kemm fil-11 ta' Jannar, Briffa flimkien ma' Cardona kienu marru madwar siegha qabel id-detox flimkien, dan gie kkonfermat ukoll minn CCTV li hadna tad-Detox, kemm Cardona jidher fil-11 ta' Jannar, kien liebes kemm l-istess hwejjeg li meta habbat u ghamilha ta' postman huma l-istess hlief li kien zied sleevless fuq il-hwejjeg li kellu. Intallbu il-mandati ghal tlett persuni u fid-29 ta' Jannar 2019, wara li kellna n-nies minhabba li konna infurmati li dawn kienu jmorru d-Detox kellna n-nies fl-akkwati ghall-habta tal-11 gie Mangion fl-akkwati tad-Detox fejn gie arrestat minn PS 1337, PC 1404 u PC 1541. Fuqu instab mobile phone, IPhone 7 bin-numru 99948152. Saret search mill-Pulizija li gie arrestat flimkien mal-partner tieghu, kemm fir-residenza tieghu l-Belt u kemm fir-residenza ta' fejn konna infurmati li kien qed jghix u fil-post instab mobile phone Samsung bin-numru 356459474358 li minn fuqu skond il-verifiki li ghamilna mas-service provider kien intuza n-numru **99144941** li sar il-kuntatt ma' dak in-numru kien intuza minn dan il-mobile li nstab fir-residenza fil-kamra tas-sodda, fejn konna infurmati mill-partner tieghu ukoll fejn kien qed joqghod. …[97]*

*Fid-29 ta' Jannar 2019 gie arrestat ukoll Briffa ……fuqu kien instab mobile phone Nokia li kellu zewg sim cards li kienu **99699161** kif ukoll **79036607**. Hu kien liebes qalziet tat-track suit blue tal-athletics sports li kif wasal id-depot u kif saret search fir-residenza tieghu ma nstab xejn suspettuz, ittiehed id-depot, gie b'qalziet iehor u biddel dan il-qalziet, li minn naha taghna minn dan l-istess qalziet kien il-persuna, t-tieni persuna li dahlet fir-residenza kien liebes l-istess qalziet tieghu. ……… hu rrifjuta li jwiegeb ghal kull mistoqsija filfatt lanqas id-dettalji tieghu personali ma ta waqt l-istqarrija. Fid-29 ta' Jannar ukoll 2019, gie arrestat certu Cardona, t-tielet persuna li kellna suspett li wettaq din is-serqa. Hu gie arrestat mir-residenza tieghu …… u instab numru ta' mobile phones, s-sleevless jacket u s-slipper li fuq dawn it-tnejn li hemm suspett li kienu l-istess hwejjeg li intuzaw mill-ewwel persuna li mar ihabbat lill-vittma u dahlet fir-residenza".[98]*

---

[95] Ibid.
[96] Fol.178-179
[97] Ibid.
[98] Fol.179-180

**PC826 Matthew Parnis** ipprezenta r-rapport tieghu li sar flimkien ma **PC302 B.Alken**.[99] Kien eleva *duct tape* kif ukoll beritta, Dok 19 ABT 202, li ghaddieha lil Dr. Marisa Cassar. [100] Ritratti tal-istess beritta jidhru fir-relazzjoni esebita.[101]Brian Alken ikkonferma ir-rapport msemmi fejn hu kien inkarigat mit-tehid tar-ritratti fuq ix-xena.[102]

**Dr. Marisa Cassar** kkonfermat ir-rapport taghha li kien ipprezentat fl-inkjesta li saret dwar is-serqa.[103] Fil-konkluzzjonijiet taghha tirrelata li minn analizi ghad-DNA li sar fuq beritta griza mghoddija lilha mis-*scene of crime officer* PS828 Matthew Parnis (kampjun 19ABT202):[104] *"l-ipotesi li l-profil genetiku li hareg minn dan il-kampjun **hu ta' Mangion** u persuna ohra hija 998 iktar probabli, mill-ipotezi li l-profil genetiku li hareg mill-kampjun hu ta' zewg persuni ohra fil-popolazzjoni."*.[105] Tispjega li mill-beritta *"kien inhareg profil genetiku mhallat li **jaqbel ma ta' Mangion u ta' persuna ohra** li ma ghandhiex profile tieghu"*.[106]

**PS1337 Kevin Curmi**, li kien ha l-verzjoni ta' Sammut dakinhar tas-serqa, jixhed kif fid-29 ta' Jannar, 2019, kien mar id-Detox jistenna li jasal Mangion u kif mill-vettura tieghu niezlet il-*partner* tieghu, dan gie arrestat. Ikompli *"dak il-hin kien qed jitkellem fuq il-mobile, tefa' l-mobile fuq is-seat ta' wara fejn kien hemm tifla minorenni u rajtha tiehdu, izzommu hi l-mobile, it-tifla minorenni. Dak il-hin ma ghamiltx accenn ghall-mobile biex ma nallarmax it-tifla, …. [Mangion gie arrestat u ttiehed id-depot] …. mal-vettura kien hemm il-partner tieghu ….. fejn jien infurmajtha b'li gara fejn hi kienet qed tara kollox, hemmekk tlabtha biex it-tifla tghaddili l-mobile …. Dan ittiehed minni". Mar mal-partner teghu fil-fond fejn kien qed jirrisjedi u saret tfittxija "waqt is-search li ghamilt, jien elevajt flok tal-marka Puma li huwa hoodie….. Flok tal-marka Puma celesti ….U qalziet tal-marka Puma, l-istess blue skur ".*[107] Il-hwejjeg gew esebiti flimkien ma r-ritratt taghhom[108] liema ritratti esebihom meta gie riprodott.[109]

Iktar tard dak il-jum kien involut fl-arrest ta' Ryan Briffa fejn meta twaqqaf fil-vettura li kien qed isuq gie elevat *mobile*.[110] Ikompli *"mort id-dar fejn tlabtu jghidli fejn qed jirrisjedi, mort id-dar fejn kien jirrisjedu ommu u missieru pero'. Minn*

---

[99] **Dok.MP** a fol. 385 et seq
[100] Fol.390
[101] Fol. 410-411
[102] Fol.496
[103] Xhieda a fol.412-413. **Dok.MC1** a fol.415 et seq.
[104] Fol.415
[105] Fol.419
[106] Fol.413
[107] Fol.440-443
[108] **Dok.KC** a fol.445 u **Dok.KC1** a fol.473-474
[109] Fol.471
[110] Fol.442

*hemmekk jien, meta gie arrestat Ryan innutajt li t-trousers, il-joggings li kien liebes kien ta' interess ghall-investigazzjoni, dana hadt qalziet minn hemm u elevah aktar tard id-Depot u qalghuh il-kollega tieghi PC 1404 minn fuqu."*[111]

**PC1404 Dale Cassar** ha sehem fit-tfittxija fil-fond fejn kien jirrisjedi mal-*partner* tieghu kif ukoll fl-arrest ta' Ryan Briffa. Dwar dan l-imputat jghid: *"rajnih ghaddej b'Peaugeot tal-ghamla 106 hamra, soqt warajh ghax kont qed insuq jiena …… Inpapqulu, nghajjtulu mit-tieqa li ahna Pulizija forsi jieqaf, pero' qisek qed titkellem mal-hajt u baqa' ghaddej. Ovvjament bqajna telghin, dejjem insegwu warajh, tlajna triq l-Imdina ta' Hal-Qormi fejn hemm is-showroom tal-Kia, faccata n-naha l-ohra direzzjoni lejn Haz-Zebbug, inpaqpulu u nghidulu li Pulizija biex jieqaf, sa certu punt waqaf, tefa' mal-genb, is-Surgent hareg mill-karozza, gharfu li hu Pulizija, qallu jitfi l-karozza….Is-Surgent PS 1337 Kevin Curmi. Certu punt rega startja l-karozza u rega' saq, saq fid-direzzjoni tas-Surgent, is-Surgent infetah naqa zghira, ma saqx fuqu as such pero' saq id-direzzjoni tieghu. Dahal fi sqaq zghir li jigi parallel mat-triq u s-Surgent rega' rikeb mieghi fil-karozza u ergajna soqna warajh u ergajna waqqafnih fejn ir-roundabout tal-Imdina fejn hemm is-showroom ta' Noel Auto Dealer, dik il-bicca, waqqafnih hemmekk, ghalaqtu bil-karozza biex ma jkollux iktar minn fejn johrog, hrigna u ghidnilu li Pulizija u tajnieh id-dritt tal-arrest, ghalxiex qieghed arrestat. Imbaghad ghamilnilu search fuqu, fuq il-karozza. Wara bqajna go residenza li qalilna li hu jghix fiha, li qeghda go Hal-Qormi, l-indirizz ma nafux bl-amment. Jghajjat, joffendina, jidghi b'Alla u l-Madonna, xenati ghalxejn, wara ittiehed il-lock up tal-Pulizija il-Floriana d-Depot.*[112] *….Hadna biss qalziet spare ghax li kellu fuqu hadtulu mill-lock up li huwa dan**…..** Il-qalziet ta' Briffa**……**Dak nezghu meta kien il-lock up, meta konna qed naghmlu s-search, tajtu l-qalziet l-iehor li gibna minn Hal-Qormi stess, libsu u ghal dik inharget ircevuta wkoll flimkien mal-mobile li konna sibna fuq il-pussess tieghu meta waqqaftu bil-karozza."*. [113] Cassar jikkonferma l-ircevuti rigwardanti esebiti fl-atti fil-konfront ta' Michael Mifsud u Ryan Briffa[114] esebiti.[115] Il-qalziet li kien liebes Ryan Briffa x'hin gie arrestat gie esebit mix-xhud u nghata exhibit number **KA224/2019**.[116]

**L-Ispettur Roderick Agius** kien mar fuq il-post derubat meta sar ir-rapport relattiv. Jixhed,*"Jien dak il-hin stajt nosserva illi l-persuna Anna Sammut kienet fi stat qawwi ta' paniku, kienet agitata u kienet bilkemm tiflah titkellem, titrieghed u kienet tidher bezghana hafna. Meta wasalt Sinjura Magistrat, stajt nosserva r-residenza li kif tasal, kif tiftah il-bieb tar-residenza hemm tarag twil ta' madwar tlett sulari u fuq in-naha tax-xellug fuq din l-istess residenza hemm bieb iehor li jkollok*

---

[111] Ibid.
[112] Fol.447-448
[113] Fol.448
[114] **Dok.FF1** a fol. 47
[115] Fol.449
[116] Fol.448; qalziet mmarkat **Dok.DC1** a fol.451

*access ghall-garaxx li huwa parti mill-istess residenza.".*[117] Ittiehdet il-verzjoni ta' Sammut li gja saret riferenza ampja ghaliha. Hekk kif gie nnutat *cctv* biswit ir-residenza dan gie analizzat. L-ghada Sammut infurmatu li sabet *baseball cap* fl-indana tar-residenza taghha, fil-post fejn kienet indikat li inzammet marbuta w mghassa mill-malviventi; din ingabret mis-*scene of crime officer* PS 826 li wara li ffotografha, ghaddiha lil Dr. Marisa Cassar.[118] Il-pulizija rceviet informazzjoni li l-persuna li ghamilha ta' pustier kien Cardona u b'hekk ingabar il-*call profile* tieghu. Irrizulta li dakinhar tas-serqa u fit-3 ta' Jannar kien ghamel kuntatt man-numru 99144941 u man-numru 79036607.[119] Filmati mid-Detox wrew lil Cardona fil-kumpanija ta' Briffa it-tnejn liebsin l-istess hwejjeg li ntlibsu mill-malviventi fis-serqa.[120] Rigward Cardona dan zied *baseball cap* bajda kif ukoll gakketta *sleeveless*. Gie arrestat ukoll Mangion li, wara tfittxija fir-residenza tal-partner tieghu, gew elevati *hoody* blu w *track suit pants* tad-ditta Puma li jidhru li ntlibsu mill-halliel twil li jidher fil-*footage.* Instab ukoll *mobile phone* fejn dan kien jorqod.[121]Irrizulta li dan il-*mobile* kellu n-numru 99144941 li kien qed isir kuntatt mieghu dakinhar tas-serqa kif ukoll gimgha qabel minn Cardona. L-istess numru 99144941 kien ghamel telefonata fuq 79338063. *Mobile* elevat minghand Briffa kellu *zewg sim cards* 99699161 u 79036607. Mir-residenza ta' Briffa gew elevati qalziet li l-istess imputat kien liebes waqt li kienet twettqet din is-serqa u kif ukoll l-istess qalziet li kien jidher bih waqt li hu stess kien mar gewwa d-detox flimkien ma' Cardona siegha qabel li sehhet din l-allegatament serqa.[122] Mir-residenza ta' **Cardona il-Pulizija elevat *mobile* tal-ghamla Samsung bin-numru 77647570, kif ukoll gakketta *sleeveless* li kienet ta' kulur iswed u li tixxbah hafna lill-gakketta li kien liebes dak li ghamilha ta' pustier. Instab zarbun *slip on* kannella li jixbah hafna liz-zarbun li ntuza mill-pustier**.[123] Ikkonferma r-rapport li permezz tieghu talab il-ftuh tal-inkjesta magisterjali rigward il-kaz.[124]

**Keith Cutajar** li kien inkarigat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jigbor filmati janalizzahom u jnizzel *stills* minnhom, ipprezenta r-relazzjoni tieghu.[125]

---

[117] Fol.501-502
[118] Fol.503
[119] Ibid.
[120] Fol.504
[121] Ibid.
[122] Fol.505
[123] Fol.506
[124] Fol.508. Vide rapport a fol.218
[125] **Dok.KC** a fol.272 et seq

- <u>Il-*Footage*[126]</u>

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-*footage* mehudha minn *cameras* vicin id-dar derubata kif ukoll dawk tad-Detox Centre, fuq gewwa u fuq barra. Dak li jidher fil-filmat ser jigi deskritt hawn taht skond il-*camera* li ttiehed minnu; ghalhekk ser issir riferenza ghal diversi *stills* li jikkorispondu ma' siltiet tal-*footage* bil-hin li jidher mill-istess *footage.*

A). Shopline

(i) 2_15_M_11012019120000[127]

*Camera 15*

Din il-*camera* hi sitwata fi Triq l-Gharaghar 1979 fuq l-istess naha tat-triq tad-dar derubata. Vetturi gejjin minn Triq l-Gharghar li jridu jaccedu ghal Triq il-Wied necessarjment jghaddu minn quddiem din il-*camera.* Din il-*camera* tkopri Triq l-Gharghar li tigi taht il-*camera,* kif ukoll iktar lil hinn lill-Triq il-Wied fejn il-*camera* thares fid-direzzjoni ta' Qormi San Gorg.

**11:28:58-11:29:17 T**idher Sammut gejja mid-direzzjoni ta' Qormi San Gorg b'xi bakstijiet.

**12:02:27-12:02:33** Jidher fi Triq L-Gharghar, il-*pick-up.* Bil-*mudflaps, tow hook, mirja tal-chrome, side still chrome u windbreakers*.[128] Jinstaq fid-direzzjoni ta' Qormi San Gorg.

**12:02:37** Bil-*breaklights* mixghulin, jirralenta u jieqaf aktar il-fuq, direzzjoni ta' San Gorg.

<u>14 il-sekonda </u>wara u cioe` **12:02:54-12:03:15** <u>jidher il-'pustier' miexi fid-direzzjoni ta' fejn il-*pick-up* deher jieqaf</u>.[129]

<u>Minuta wara</u> u cioe` **12:04:18-12:04:23** jerga' jghaddi il-*pick-up* fi Triq Il-Wied, direzzjoni Triq il-Mithna (fejn hemm l-istabbiliment Joinwell).

**12:10:03-12:10:07** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.

**12:22:07-12:22:10** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.

---

126 Appendici Wiehed (*pen drive*) fir-relazzjoni **Dok.KC** a fol. 272 et seq

127 Kif kkonstat mill-espert Keith Cutajar a fol.281 tar-relazzjoni tieghu (**Dok.KC)**, il-hinijiet tal-camera li biha ttiehed dan il-filmat kien <u>4 minuti b'lura</u> u ghalhekk ghandhom jizdiedu 4 minuti mal-hinijiet indikati fuqu sabiex ikun determinat il-hin propju li fih ittiehed il-filmat.

128 Fol.282-283 *stills* ta' dak li jidher fil-filmat; ritratti 7-10

129 Still a fol.283; ritratt 9

**12:28:11-12:28:14** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.

**12:39:36 -12:39:39** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wied direzzjoni Triq il-Mithna (Joinwell).

**12:43:46-12:43:52** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.

**12:46:13-12:46:17** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wied direzzjoni Triq il-Mithna (Joinwell).

**12:48:51-12:48:59** jghaddi il-*pick up* minn triq L-Gharghar, quddiem il-*camera,* u jaghmel *indicator* ghan-naha tax-xellug ta' Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.[130] (12:49:09-12:49:15 jibqa fil-vizzwali).

**12:54:34-12:54:38** Il-*pick-up* jidher ghaddej fi Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.[131]

(ii) 3_15_M_11012019130000

**13:00-13:00:16** Jidher il-*pick-up* ghaddej Triq l-Gharghar direzzjoni ta' San Gorg.[132]

**13:08:43-13:08:48** Il-*pick-up* jinstaq fi Triq il-Wied direzzjoni lejn ta' San Gorg.[133]

**13:17:11-13:17:14** Il-*pick-up* jinstaq fi Triq il-Wied direzzjoni lejn ta' San Gorg.[134]

**13:26:45-13:26:51** Il-*pick-up* fi Triq l-Gharghar b'sewqan mghaggel u jibqa' fid-direzzjoni ta' Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.[135]

*Camera 16*

Din il-*camera* thares propju lejn ix-xellug (*left*) fid-direzzjoni ta' Triq il-Mithna (fejn jinsab l-istabbiliment ta' Joinwell), u cioe` lejn il-bidu ta' Triq l-Gharghar 1979, fejn ghandha d-dhul minn Triq il-Mithna u li minnha jsir hrug biss (*one way*). Ftit l-isfel hi sitwata id-dar derubata; tidher *stop sign*. Il-vizzwali hu ferm aktar cjar.

**11:29:18** Sammut tghaddi minn quddiem il-*camera* fid-direzzjoni l-isfel lejn ir-residenza taghha.

**12:02:20-12:02:29** Il-*pick-up* gej minn quddiem id-dar tad-derubata, jghaddi quddiem il-*camera* fi Triq l-Gharghar u jkompli sejjer lejn Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.[136]

---

130 Fol.284 Ritratt 11
131 Ibid. Ritratt 12
132 Fol.285 Ritratt 13
133 Ibid. Ritratt 14
134 Fol.286 Ritratt 15
135 Ibid. Ritratt 16
136 Fol.287-288; Ritratti 18 u 19

**12:02:36-12:02:57** – 5 sekondi wara- jidher dak li allegatament ghamilha ta' pustier gej mill-istess direzzjoni w imur fid-direzzjoni li ha l-*pick up*.[137]

**12:04:21- 12:04:27** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' Triq il-Mithna.

**12:09:59-12:10:04** Il-*pick-up* jghaddi minn triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**12:22:03-12:22:08** Il-*pick-up* jghaddi minn triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**12:28:06-12:28:12** Il-*pick-up* jghaddi minn triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**12:39:38-12:38:44** Il-*pick-up* jghaddi minn triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' Triq il-Mithna (Joinwell).

**12:40** Tidher ufficjal tal-Maltapost.

**12:43:43-12:43:49** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**12:46:15-12:46:21** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' Triq il-Mithna (Joinwell).

**12:48:44-12:48:53** Il-*pick-up* johrog mit-triq fejn tinsab id-dar darubata, jghaddi quddiem il-*camera* fi Triq l-Gharghar u jibqa' jsuq fid-direzzjoni ta' San Gorg

**12:50** Tidher ufficjal tal-Maltapost.

**12:54:31-12:54:35** I*l-pick-up* jghaddi minn Triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**13:00:06** Jghaddi mit-triq fejn hemm id-dar derubata, quddiem il-*camera* fi Triq l-Gharghar, u jsuq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**13:08:39-13:08:43** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**13:17: 08- 13:17:12** Il-*pick-up* jghaddi minn Triq il-Wieq fid-direzzjoni ta' San Gorg.

**13:26:41-13:26:47** Il-*pick-up* jidher kjarament hiereg mit-triq fejn hemm id-dar ta' Sammut u jkompli fi triqtu b'sewqan kemmxejn mghaggel lejn Triq il-Wied direzzjoni ta' San Gorg.

B). Garaxx Biswit id-dar Derubata

(i) 11 ta' Jannar, 2019

[137] Fol.288-289; Ritratti 20-21

Il-*camera* thares lejn ix-xellug u cioe` fid-direzzjoni tad-dar derubata li jinsab bieb ma bieb.

**11:00:21** Sammut tasal id-dar b'xi basktijiet.

**11:08:56** Sammut tohrog u taqsam Triq l-Gharghar.

**11:33:52** Sammut tirritorna b'xirja ohra.

**11:35:12** Sammut terga' tohrog.

**11:41:39** Tirritorna d-dar.

**11:42** Tohrog tlahhlah il-bankina quddiem id-dar.

**12:03:29** Jersaq persuna maskili liebes beritta bajda, b'pakkett taht idu w kif jasal quddiem id-dar ta' Sammut, jaqsam ghan-nofs tat-triq u jibqa' miexi l-fuq, fid-direzzjoni ta' San Gorg.[138]

**12:04:35** Dlonk jerga' jghaddi miexi l-isfel (lejn Triq il-Mithna) fejn jibqa' fuq in-naha opposta tat-triq.

**12:05:18** L-istess persuna maskili jidher rega' gej lejn id-dar ta' Sammut, johrog pakkett minn go basket imdendel ma idu u jhabbat mar-residenza ta' Sammut.[139]

**Tali movimenti huma evidenza cjara li din il-persuna kienet qed tiskandalja l-akkwati!**

**12:05:48** (30 sekonda wara) jghaddi *pick-up* minn warajh. Ihares lejh u l-*pick-up* jibqa' sejjer.

**12:05:55** Jitlaq minn fuq il-post.[140]

**12:06** Jinfetah il-bieb tal-aluminium tar-residenza u ftit wara jerga' jinghalaq[141]Jidher jinfetah ghall-darb'ohra x'hin jghaddi persuna li jieqaf ikellem lil xi hadd fil-bieb tar-residenza derubata.[142]

**12:52:13** Jghaddi il-*pick up* waqt li tibda niezla xita qliel.

[138] Fol.297; rifless f'Ritratt 33
[139] Fol.298; Ritratt 35
[140] Fol.299-301; Ritratti 36-40
[141] Fol.301; Ritratt 41
[142] Fol.302; rifless f'Ritratti 42-43

**13:01:44** Jerga' javvicina u jcempel il-bieb ta' Sammut il-persuna maskili bil-berritta bajda. Jidher cjar li dan ghandu **mustacci irqaq** (13:01:52-13:02:06; 13:02:24 u 13:02:40)

**13:02:26** Jitkellem ma xi hadd waqt li jhares il-fuq.

**13:02:39** Ihares l-isfel (lejn triq il-Mithna) fejn fil-13:02:42 **jidher kjarament jaghti b'rasu tlett darbiet (*nodding*) hekk kif harstu tibqa n-naha t'isfel tat-triq u cioe` dik il-parti li minnha jsir l-ingress.**

**Mhemmx dubbju li dan ir-ragel hu Mark Anthony Cardona!**

**13:03:03** Jinfetah il-bieb tal-*aluminium.*

**13:03:18** Jasal il-*pick up*.

**13:03:24** Jieqaf quddiem id-dar ta' Sammut.

**13:03:27** Johrog mill-*pick-up* (bieba ta' wara lejn il-bankina tad-dar ta' Sammut) persuna maskili b'*hoodie,* qalziet blu skur u *runners* abjad.

**13:03:28** Warajh johrog ragel iehor iktar <u>mibni</u> liebes flokk b'*hoodie, jogging pants* u *yellow vest*. Fuq il-qalza precizament fuq koxxtu tidher emblema tad-ditta Puma u cioe` il-Puma.

**13:03:33** Il-*pick-up* ihalli l-post hekk kif issa t-tlett irgiel huma gewwa r-residenza ta' Sammut.

**13:29:20** Il-*pick up* jasal fuq il-post.

**13:29:25** Jieqaf quddiem ir-residenza.

**13:30:04** Jinfetah il-bieb tal-*aluminium*. Jidhlu lura fil-vettura l-malviventi fl-ordni kif hargu minnu u cioe` jidhol l-ewwel dak liebes blu skur fejn issa fuq il-*jogging pants* jidhru b'linja bajda tul is-sieq fil-genb tal-qalza (vide *still:* **13:30:05**).

Warajh dak ta' statura iktar mibnija w twil bil-*yellow vest,* issa minghajr il-*hoodie* izda liebes dak li l-qorti tiddetermina li hi xi forma ta' parokka (vide *still:* **13:30:07**).

Cardona li qabel kien liebes berritta bajda, issa johrog ghadu liebes b'sidrija/*gilet* u flokk blu skur (vide *still:* **13:30:08**); m'ghadux bil-berritta, izda liebes f'rasu b'wiccu **mghammad** ghandu *tights* li jaghtu fl-abjad, u <u>zarbun kannella skur mhux bil-lazz</u> (vide *still***: 13:30:09-13:30:10**).

**13:49** Jasslu fuq il-post il-pulizija fosthom l-Ispettur Roderick Agius.

Il-*modus operandi* li wassal sabiex il-malviventi jingannaw lil Sammut tiftah jirrispekkjaw dak li sehh jiem qabel fit-3 ta' Jannar.

(ii) 3 ta' Jannar, 2019

**11:47:24** jidher Cardona bl-istess ilbies. Ezatt warajh, hu u miexi lejn id-dar tar-residenza ta' Sammut, qed jinstaq il-*pick up.* **11:47:32** l-istess persuna jibqa sejjer il-fuq fid-direzzjoni ta' Qormi San Gorg.

**Mhemmx dubbju li dan mhux hadd ghajr Mark Anthony Cardona!**

C). Detox Centre (Gewwa)

Peress li l-filmati fil-format originali taghhom ma setghux jigu accessati mill-Qorti, fuq ordni tal-Qorti l-espert Cutajar ttrasferixxa l-istess fuq usb b'file format differenti.[143]

(i) 3 ta' Jannar, 2019

**10:40** Jidhru Briffa u Cardona. **Zarbun kannella *slip on* ta' Cardona hu identiku ghal dak li kien liebes il-'pustier'** (vide *stills* **10:40:37-10:40:53**). **Il-*jogging pants* bil-*lining/piping* abjad li hu liebes Briffa hu identiku ghal dak li kien liebes wiehed mill-malviventi u cioe` dak li jidher hiereg mill-*pick-up* l-ewwel** (vide stills 10:40:24-10:40:55).

Camera CH2 li hi direzzjonata lejn il-bieb ta' barra

**10:40:16** Jidhol Briffa u ezatt warajh Cardona.
**10:40:56** jitilqu flimkien il-barra.

Mhemmx dubbju li Briffa u Cardona <u>jaslu d-detox flimkien u jitilqu flimkien</u>.[144]

(ii) 11 ta' Jannar, 2019

**10:45:31-10:46:03** Jidhlu Briffa u Cardona. Din id-darba **Briffa liebes *hoodie blue* u qalziet blu bil-*<u>lining</u>* <u>abjad</u>. Dan l-ilbies jaqbel ma dak li kien libes il-halliel li johrog minn tal-ewwel mill-*pick-up*. Iz-zarbun li liebes Cardona jaqbel ma dak li kien liebes il-'pustier'**. (stills **10:45:46-10:46:02**). Cardona jidher <u>b'mustacci</u> **10:46:02**

Camera CH2 li hi direzzjonata lejn il-bieb ta' barra u iggib lil Briffa u Cardona iharsu lejha.

**10:45:30** Jidhol Briffa. Jitlaq il-barra **10:45:54** minghajr ma jkellem lil Briffa

[143] Fol.571. USB mmarkata **Dok.KCZ** a fol.572
[144] Ara ukoll ritratti 76-93 a fol.319-3328

**10:45:33** Jidhol Cardona. Iz-zarbun li liebes jidher cjar fl-still **10:45:43-10:45:55.** Jitlaq il-barra **10:46:04.**

D). Detox Barra

(i) 3 ta' Jannar, 2019[145]

**10:40:42-10:40:45** Jidhru hiergin mid-Detox Centre **Briffa b'qalziet identiku ghal dak li kien liebes wiehed mill-malviventi, u Cardona b'zarbun li hu identiku ghal dak li kien liebes il-persuna li ghamilha ta' pustier.**

(ii) 11 ta' Jannar, 2019[146]

**10:45:55-10:46:05** Peugot hamra tidher hierga minn Pjazza San Luqa u taqbad Triq San Luqa.

- *L-analizi tal-mobile devices.*

Gie kkunsidrat ir-rapport tal-espert Keith Cutajar[147] li kellu inkarigu janalizza l-*mobile phones* u *sim card* esebiti bhala **Dok.FF3** u **Dok.FF7 li nghataw Exhibit Number KA 51/2019** u li jikkoncernaw dak li gie elevat minghand l-imputati Briffa u Cardona rispettivament.[148]

**A. Dok.FF3:** *Mobile/Sim cards* misjuba fuq Ryan Briffa

Mir-relazzjoni tal-espert Cutajar jirrizulta li **Dok.FF3** hu *mobile phone* tal-ghamla Nokia[149] u zewg *sim cards* (wahda tal-GO u wahda tal-Vodafone). Ta' dawn Briffa naghata d-debita ricevuta.[150]

Dawn kienu fuqu x'hin gie arrestat kif jixhed l-ufficjal li arrestah, PS1337 Kevin Curmi[151] u kkonferma l-Ispettur Fleri.[152]

**ICCID 2100 0502 0285 271** hija dokumentata fir-rapport tal-esponent bħala **FF3-MB01-SIM01,** li skond l-*evidence bag* u skond ritratt numru 7 fl-istess rapport

145 NRV_ch6_main_20190103100000
146 NRV_ch6_main_201901111100000
147 **Dok.KC** a fol.138 et seq
148 Fol.49
149 Fol.141
150 **Dok.FF1** a fol.47
151 Fol.442
152 Fol.41

tal-espert Cutajar, huwa dokumentat li nġabar minn fuq il-persuna ta' **Ryan Briffa** nhar id-29 ta' Jannar 2019 fl-16 :00 fi Triq l-Mdina, Żebbuġ;[153]

**ICCID 8935 6012 0170 3541 256** hija dokumentata fir-rapport tal-esponent bħala **FF3-MB01-SIM02,** li skond l-*evidence bag* u skond ritratt numru 7 fl-istess rapport ta' Cutajar, huwa dokumentat li nġabar minn fuq il-persuna ta' **Ryan Briffa** nhar id-29 ta' Jannar 2019 fl-16 :00 fi Triq l-Mdina, Żebbuġ.[154]

Ghalhekk is-*simcards* misjuba fil-*mobile* ta' Briffa kellhom ICCID's kif gej:

Tal-Go: ICCID **2100 0502 0285 271**;[155]
Tal-Vodafone: ICCID **8935 6012 0170 3541 0256**.[156]

Mix-xhieda tal-espert Cutajar, jirrizulta li s-*sim card* tal-Go kienet abbinata man-numru **79036607** u dik tal-Vodafone man-numru 9**9699161**.[157]

Iktar minnhekk fil-*phone book* tal-*mobile* li nstab fuq Briffa instabu s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| **49** | **1** | **79036607** |
| **50** | **2** | **99699161** |
| 51 | Twil | 99948152. |

Skond l-Ispettur Fleri, meta Patrick Mangion gie arrestat, mill-karozza misjuqa minnu gie elevat mobile li kellu n-numru 99948152.[158]

### B. Dok. FF7: *Mobiles/Sim cards* elevati minghand Mark Anthony Cardona

Il-*mobiles u simcards/sd cards* misjuba ghand l-imputat Cardona gew immarkati bhala **Dok.FF7**.[159]

**ICCID 2100 0501 8467 121** hija dokumentata fir-rapport tal-esponent bħala **FF7-MB01-SIM01**, li skond l-*evidence bag* u skond ritratt numru 22 fl-istess rapport tal-esponent, huwa dokumentat li nġabar minn fuq il-persuna ta' **Mark**

153 Vide ukoll nota tal-espert Cutajar a fol.641
154 Ibid.
155 Fol.148 Ritratt 14 (**FF3-MB01-SIM01**). Vide ukoll fol.641
156 Fol.150 (**FF3-MB01-SIM02**); Vide fol.641
157 Vide ukoll Fol.145, ritratt 7. Vide fol.641
158 Fol.40
159 Fol.152-153. Vide ukoll in-Nota tal-espert Cutajar a fol.641

**Anthony Cardona** ID : 449277M nhar id-29 ta' Jannar, 2019, f'numru 39, Maria, Triq Rumas Dingli, Birkirkara.[160]

Is-*service providers* Go provdew *call profile data* ghas-sim bl **ICCID 2100 0501 8467 121**[161] li gie abbonat man-numru **77647570;** l-istess numru li fl-istqarrija tieghu Cardona jikkonferma li hu n-numru tac-cellulari tieghu.[162]

Mill-ricevuta li ngahtat lil Cardona[163] jirrizulta li gew elevati *mobile* NOKIA bla *sim card*; *mobile* Samsung bla *sim card*, Vodafone *sim card* u Samsung abjad. L-espert Cutajar jimmarka dawn l-esebiti kif gej:

FF7-MB01 il-mobile Samsung abjad;
FF7-MB01-SD01 sd card
FF7-MB01-SIM01: simcard tal-Go;
FF7-MB02 Samsung iswed;
FF7-MB02-SD01 sd card;
FF7-MB03, mobile Nokia;
FF7-LSIM01, sim card.[164]

Fil-folder li nghata l-kodici FF7-MB01, li jappartjeni ghal mobile Samsung GT abjad, fil-folder intestat **FILES** jinstabu bosta r-ritratti tal-imputat Cardona ma persuni migbura f'familja, l-iktar ma tfal.

FF7-MB01-SD01 *(sd card)*
Fil-Folders **OXYGEN/File browser** u **Timeline files** bosta huma r-ritratti li fihom l-imagini tal-imputat u persuni migbura f'familja jew individwali.

FF7-MB02 GT-S5380D_20190209044111 (Samsung GT iswed)
Ritratti li fihom jidher Cardona, annimali u individwi migbura f'familja.

FF7-MB02-SD01 *(sd card)*
Ritratti fejn jidher l-imputat fil-folder TIMELINE

Mir-rapport tal-espert Cutajar setghet isir analizi tat-telefonati li saru minn u lejn dawk il-*call numbers* tal-imputati.

[160] Vide Nota tal-espert Cutajar a fol.641
[161] Fol.141 u fol.641
[162] Fol.90
[163] **Dok.FF6** a fol.52
[164] Fol.141

**Analizi tal-*call profiles* tal-imputati**

A. Telefonati bejn l-imputati Briffa u Cardona

Jirrizulta minn analizi tal-ICCIDs tad-*devices/sim cards* misjuba fuq l-imputati, li n-numri wzati minn Briffa kienu **79036607** u **99699161**, filwaqt li dak ta'Cardona, kif jammetti fl-interrogazzjoni tieghu, hu **77647570.**

Kuntrarjament ghall-impressjoni li jippruvaw jaghtu l-imputati, diversi huma l-kuntatti telefonici li jsiru bejniethom.

B'digrieti tal-4 u tas-6 t'Awissu, 2020,[165] il-Qorti ordnat li mill-informazzjoni provduta lill-espert Cutajar mis-*service providers* li tinsab fir-rapport tieghu, l-istess espert johrog estratti, *inter alia*, tal-kuntatti telefonici (*calls/sms*) li saru bejn in-numri msemmija. Din l-informazzjoni sussegwentement giet konfermata mill-istess espert fis-seduta tal-14 ta' Settembru, 2020:[166]

(i) Minn fuq **79036607,** appartenti lil **Briffa, lil Cardona (Appendiċi 1 u 2 tan-nota ta' Cutajar);**[167]

(ii) Minn fuq **77647570** appartenti lil **Cardona, lil Briffa (Appendiċi 3- 6 tan-nota ta' Cutajar);**[168]

(iii) Minn fuq fuq **99699161** ukoll appartenti lil **Briffa, lil Cardona (Appendiċi 9 u 10 tan-nota ta' Cutajar);**[169]

(iv) Estratt komprensiv iehor li juri kuntatti minn fuq fuq kemm **79036607** kif ukoll **99699161** (ICCIDs li nstabu fuq **Briffa**), ma **Cardona (Appendiċi 7 sa 8 tan-nota ta' Cutajar).**[170]

**Evidenza mill-aktar elokwenti tal-kuntatti kontinwi u kwotidjani bejn l-imputati sas-sighat bikrin ta' filghodu.**

**Evidenza li tikkondradixxi l-impressjoni li jipprova jaghti Cardona li ftit li xejn kien jiffrekwenta lil Briffa!!**

---

165 Fol.638 u 639-640
166 Fol.658-659
167 Fol.643-642
168 Fol. 646-649
169 Fol.653-655
170 Fol.650-652

B. Telefonati bejn l-imputati u numri **99948152 u 99144941.**

Bl-istess digriet tas-6 t'Awissu, 2020, il-Qorti ordnat lill-espert Cutajar sabiex mir-relazzjoni tieghu jislet informazzjoni dwar kuntatti telefonici li saru bejn in-numri tal-imputati odjerni u dawk il-*call numbers* li l-proskeuzzjoni issostni jappartjenu lis-suspettat Patrick Mangion u cioe` **99948152 u 99144941.**

Jinghad mill-ewwel li dan il-fatt, u cioe` li dawn in-numri jappartjenu lil Mangion, jibqa' ma jigix pruvat sal-grad mistenni.

Jigi pruvat izda l-kuntatt kontinwu bejn dawn in-numri u dawk li jappartjenu lill-imputati.

**(a) 99948152**

(i). Skond l-Ispettur Fleri, meta Patrick Mangion gie arrestat, mill-karozza misjuqa minnu gie elevat *mobile* li kellu n-numru 99948152.[171]

(ii) Fil-*phonebook* tac-cellulari li nstab fuq Briffa instab registrat in-numru 9994815251 taht l-isem ***"Twil".***

**(b) 99144941**

(i) L-ispettur Fleri jsemmi kif mill-mobile tal-imputat Cardona kien hemm kuntatti man-numru 79036607 (ta' Briffa) izda wkoll fuq in-numru **99144941.**[172]

(ii) L-ispettur jsemmi kif mir-residenza fejn kien qed jirrisjedi is-suspettat Patrick Mangion, u ezattament fil-kexxun tal-komodina ta' fejn jorqod Patrick Mangion, gie elevat mobile tal-marka Samsung bl-IMEI Number 356456094743568 li jappartjeni lin-numru cellulari **99144941** li lill-pulizija rrizultalha li ntuza dakinhar tas-serqa.[173] PC1541 Joseph Agius jikkonferma li fit-tfittxija fir-residenza ta' Carmen Spiteri gie elevat *mobile phone* tad-ditta Samsung ta' kulur iswed flimkien ma' kaxxa bluna tieghu tal-mobile phone[174] kif anke ghamel PC1404 Dale Cassar.[175]

---

[171] Fol.40
[172] Ibid.
[173] Fol.40
[174] Fol.185-186
[175] Fol.380-381

Appendici 1 u 2 tan-Nota tal-espert Cutajar juru ghadd kbir ta' telefonati li saru minn Briffa lejn in-numri **99144941 u 99948152.**[176]

Appendici 3 turi numru ta' telefonati minn fuq in-numri **99144941 u 99948152** lin-numru **79036607** li jappartjeni lil Briffa.[177]

Appendici 5 u 6 juru telefonati minn numru ta' Cardona lin-numru **99144941 u 99948152.**[178]

Appendici 7 u 8 juru telefonati minn fuq in-numri **99144941 u 99948152** lin-numru **77647570** (ta' Cardona skond kif ammess minnu).[179]

Appendici 9 u 10 juru telefonati minn fuq in-numru ta' Briffa (*sim* tal-Vodafone) lejn **99144941** u **99948152**

**L-Ewwel Imputazzjoni**

<u>Rizultanzi</u>

i. Mhemmx dubbju li l-*pick-up* li jidher fil-filmat li ntuza biex issir is-serqa kien ilu jdur fl-akkwati fil-hinijiet qabel u waqt li kienet qed issir is-serqa. Dan jirrizulta mill-filmat u senjatament il-hinijiet li l-*pick-up* jidher ghaddej minn Triq l-Gharghar 1979 u Triq il-Wied.

ii. Mhux eskluz li s-serqa kellha titwettaq fit-3 ta' Jannar, 2019, tenut kont li l-'pustier', u cioe` dak li mehmmx dubbju jirrizulta manifestament li hu l-imputat **Cardona**, igorr l-istess pakkett f'idu w l-*pick-up* jidhru ghaddejjin quddiem id-dar derubata.

iii. Tezisti probabbilita` kbira immens li l-*pick-up* elevat mill-pulizija hu l-istess *pick-up* li serva ta' mezz ta' trasport ghall-malviventi.

iv. In vista tal-fatt li l-prosekuzzjoni tattribwixxi importanza kbira ghanness bejn it-telefonati li saru mill-persuni suspettati, u senjatament ghall-post fejn tali persuni kienu jinstabu f'certi hinijiet partikolari, il-kaz tal-prosekuzzjoni fih bosta nuqqasijiet f'dan l-aspett:

---

[176] Fol.643-642
[177] Fol.646
[178] Fol.648-649
[179] Fol.650-652

a. Fl-ewwel lok il-*mobile devices/sim cards* mahsuba li jappartjenu lill-imputat Mangion kellhom jigu esebiti f'dawn l-atti, mqarr formalment! Dan tenut kont li l-ufficjali investigattivi jsemmu li bejn Cardona u Mangion u senjatament fuq in-numru ta' Mangion, 99144941 kien hemm kuntatti kontinwi.

   Ghalkemm il-Qorti setghet tasal biex tikkonkludi li kien hemm kontatti frekwenti bejn il-*call numbers* mahsuba appartenenti lil Mangion, baqa' ma giex pruvat li effettivament in-numri **99144941** u **99948152** verament kienu jappartjenu lil Mangion.

b. L-ahjar prova dwar in-numru/*sim cards* li ntuzaw mill-*mobile devices* elevati minn fuq Mangion u mir-residenza fejn kien qed jirrisjedi, baqghet ma ngabitx.

   Ghalkemm l-abbli ufficjali investigattivi jixhdu dwar ir-rizultanzi taghhom u cioe` dwar in-numri telefonici li ntuzaw bid-*devices* rispettivi, fosthom dawk allegatament jappartjentu lil Mangion, dik ix-xhieda - li l-Qorti mhix tiddubita l-veracita` taghha - tikkostitwixxi biss *hearsay evidence* u ghaldaqstant hi inammissibbli ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri.

   Biex setghet issir id-debita prova, wara li dawn id-*devices/sim cards* kellhom jigu esebiti mqarr formlament, il-prosekuzzjoni kellha ttella' s-*service providers* rispettivi li kellhom jipprovdu informazzjoni dwar in-numri telefonici/*sim cards* li ntuzaw b'dawk il-*mobile devices*. F'dawn l-atti din l-informazzjoni nghatat biss rigward l-imputati odjerni.

c. Wara li jkunu gew hekk esebiti f'dawn l-atti l-*mobile devices* u *sim cards* li skond l-awtoritajiet investigattivi jappartjenu lil Mifsud u Mangion, l-espert fl-informatika Cutajar, (jew xi espert iehor), kellu jinghata nkarigu f'dawn il-proceduri sabiex jezaminahom.

   Minn dan seta' jigi pruvat x'kommunikazzjoni kien hemm bejn dawn in-numri w dawk uzati fuq *mobiles/sim cards* mahsuba li jappartjenu lill-imputati meta nstabu fuqhom jew fir-residenzi taghhom.

d. Maghmul dan, imbghad kellha titlob, f'dawn il-proceduri, li l-espert mahtur janalizza dawk il-*mobile phones* u *sim cards* esebiti fil-procedimenti l-ohra, bil-ghan li tingieb il-*call profile* u *localization data* relattiva ghal kull *mobile/sim card*.

Minn dan seta' jigi debitament stabbilit mhux biss jekk kienx hemm kommunikazzjoni bejn dawn l-erba' persuni izda wkoll jekk fil-hinijiet tas-serqa jekk kienux f'xi lokalita` li nqabdet minn xi *cell tower* partikolari.

Fl-ahhar nett kellha tingieb evidenza dwar il-*coverage range* tas-*cell towers* rispettivi li jidhru fil-*localization data* kif ukoll l-eqreb *cell tower* li jkopri d-dar derubata.

Tenut kont dawn il-mankanzi, ma jistax ma jigix osservat li, bhal fil-kaz odjern fejn l-atti kienu qed jigu rinvijati ghand l-Avukat Generali, dawn in-nuqqasijiet setghu jigu ndirizzati bl-iskrutinju li jikkonduci l-Avukat fuq il-provi li tressaq il-pulizija. Dak hu l-iskop tar-rinviju u manifestament fil-kaz in dezamina dan l-iskrutinju seta' jkun ferm aktar rigoruz!

v. Madanakollu, bosta huma l-provi li jorbtu lill-imputati ma din is-serqa:

**Provi Saljenti**

a. Ryan Briffa u Mark Anthony Cardona kienu **liebsin l-istess hwejjeg li jidhru liebsin il-malviventi fil-*footage* tas-serqa. Dawn il-hwejjeg instabu fir-residenza ta' Cardona[180] kif ukoll fuq Briffa (il-qalziet).[181]**

b. Iz-zewg malviventi li dahhlu fuq Anna Sammut, waqt li din kienet qed tigi mitkellma mill-'pustier' kienu **mghammdin**.

   Dak li ghamilha tal-pustier kien liebes gakketta bl-ghonq imtella l-fuq, kellu qisu *tights/pop sock* fl-abjad ma' wiccu w kien liebes beritta. F'rasu kellu *"Qisu* ***tights…jew pop socks****..ma kienx naqra rqiq hafna imma jidher…qisu kulur il-laham imma aktar fl-abjad.".*[182] Mill-*footage* jidher cjar dak li ghamilha tal-pustier, Cardona, hiereg b'wiccu mghammad liebes tights.

   Sammut issemmi wkoll kif *"Tal-Posta qalziet iswed jew blue nahseb iswed kien, flok blue dan tas-suf qisu, imbaghad sidrija fuqu, l-ghonq imtella sa fuq nett hekk, bil-beritta bajda go rasu …. Bil-pizz, nuccali [tal-vista] mija fil-mija*

[180] Xhieda ta' PC965 Maverick Camilleri a fol. 241-242 u PC702 Adrian Briffa a fol. 178-179
[181] Xhieda ta' PS1337 a fol. 440-443; PC1404 Dale Cassar a fol.448 u PC1541 Joseph Agius
[182] Fol.29

*kien finta ghax* ***malli dahal gewwa nehhieh….malli dahal gewwa nehhieh, jigifieri finta kien.***".[183]

Il-vittma anke ssemmi li wiehed mill-malviventi kien liebes **maskra,[184]**filwaqt li l-Qorti setghet facilment tistabilixxi li l-malvivent twil meta johrog mir-residenza liebes xi forma ta' parokka!

Il-Qorti wkoll tirrileva li tul dawn il-procedimenti, Cardona qatt ma ghamel uzu minn nuccali tal-vista.

c. Ghalhekk jirrizulta l-aggravju tal-**mezz** ai termini tal-artikolu 263(b) tal-Kodici Kriminali:

> (*b*) meta l-ħalliel jiżbogħ wiċċu, jew jilbes maskra jew għata oħra tal-wiċċ, jew jagħmel xi tibdil ieħor fl-ilbies jew fis-sura,…..

d. Daqstant iehor, gew pruvati l-aggravji tal-**vjolenza** ai termini tal-artikolu 262(1)(a)(b) tal-Kodici Kriminali u dak tal-**valur** li mix-xhieda ta' Sammut jirrizulta wkoll li kien jeccedi sew l-ammont ta' €2,329.37.[185]

Jigi sottolinejat li ghalkemm Sammut giet mistoqsija dwar il-valur tal-flejjes li nsterqulha, baqghet ma semmiet l-ebda valur ghad-dehebijiet u gojjelerija li nsterqu. Lanqas ma gie mitlub jinhatar espert bil-ghan li jaghti stima dwar il-valur tal-oggetti misruqa.

Dan jassumi rilevanza meta l-Qorti ser tigi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali.

***<u>Provi rigward Ryan Briffa</u>***

e. Mir-ricevuta lil nghata Briffa jirrizulta li gie elevat qalziet tad-ditta Athletic Sports.[186] PC1541 Agius jiddeskrivi li Briffa kien liebes qalziet li gie elevat mill-pulizija.[187] PS1337 Kevin Curmi ikompli *"mort id-dar fejn tlabtu jghidli fejn qed jirrisjedi, mort id-dar fejn kien jirrisjedu ommu u missieru pero'. Minn hemmekk jien, meta gie arrestat Ryan innutajt li <u>t-trousers, il-joggings li kien liebes kien ta' interess ghall-investigazzjoni,</u> dana hadt qalziet*

[183] Fol.30
[184] Current Incident Report a fol.58 u fol.196. Xhieda Anna Sammut a fol.30
[185] Fol.18-19
[186] **Dok.FF1** a fol.47
[187] Fol.244-245

*minn hemm u elevah aktar tard id-Depot u qalghuh il-kollega tieghi PC 1404 minn fuqu."*[188]

f. Mill-*footage* tad-detox,[189] dakinhar tal-11 ta' Jannar, qabel ma sehhet is-serqa, Briffa jidher liebes ***jogging pants* ta' kulur blue identiku** ghall-qalziet li kien liebes wiehed mill-malviventi. Ghandhu **linja bajda** tul il-qalza ta' barra ezatt kif jidher liebes il-malvivent - li ghandu **statura ta' Briffa**, diehel u hiereg mid-dar derubata.

   Jirrizulta wkoll li qalziet identiku ghal dak li **isir is-serqa bih u li gie elevat minn fuqu w esebit in atti**, jidher liebes bih Briffa anke fit-3 ta' Jannar meta jmur id-*detox centre* ma Cardona.[190]

g. Il-Qorti ezaminat fizikament dan l-esebit. Dan hu **identiku** ghal dak li jidher liebes Briffa fit-tlett okkazzjonijiet li jinqabdu mill-*footage* u cioe` dak tat-Detox centre nhar it 3 u l-11 ta' Jannar, kif ukoll dak li liebes wiehed mill-hallelin li jidhlu fil-fond ta' Sammut. **Il-linja bajda/*piping* tul is-sieq, u l-kulur tieghu** ma jhallu ebda dubbju fir-rigward.

   Mhemmx dubbju li s-*size* tal-qalziet – **MEDIUM** - hu propju maghmul ghall-persuna tal-istatura, ta' Briffa. Inoltre` **mhux biss il-*waist* tal-qalziet hu ta' qies tal-imputat Briffa izda anke it-tul, il-*length*, tieghu jaqbel mat-tul tal-istess Briffa.** Ma dawn il-partikularitajiet jizdied dettal iehor, **il-kulur u ghamla tal-qalziet, b'linja bajda jew speci ta' *piping* abjad, li jaqbel perfettament mal-kulur tal-qalziet li jilbes l-ewwel malviventi li johrog mill-*pick-up* u liema qalziet kellu *piping* abjad tul il-genb tal-qalza.**

h. Il-persuna li tidher fil-*footage* biswit id-dar derubata hierga l-ewwel mill-*pick-up* u li wara terga' tidhol minn tal-ewwel fil-*pick up*, hi tal-**istess statura tal-imputat Briffa, kemm bhala piz/*build* u kemm bhala tul.**

*Provi rigward Mark Anthony Cardona*

i. Mir-ricevuta lil nghata Cardona jirrizulta li gew elevati *sleevless jacket* u par zarbun size 41.

---

[188] Ibid.
[189] Ritratti 79-81 a fol. 321-322; ritratti 90-91 a fol.327
[190] <u>Vide *footage*</u>. Vide ukoll ritratti 76-78 a fol.319-320; ritratti 84-85 a fol. 324-325

j. Il-Qorti fizikament ezaminat dawn l-esebiti. Dawn huma **identici** ghal hwejjeg li jidher liebes min ghamilha tal-pustier u cioe` dak li jintgharaf facilment bhala l-imputat Cardona!

k. Kif intqal iz-zarbun hu kompattibbli ma dak li Cardona kien liebes meta mar id-Detox ftit qabel ma sehhet is-serqa. **Hu zarbun bla lazzijiet, kif inhu dak esebit in atti**.

l. **Il-gakketta *sleeveless* esebita wkoll taqbel perfettament mal-gakketta li kien liebes il-'pustier'.** Fil-*footage* jidher xi kliem bl-abjad fuq wara taghha. Minn ezami tal-esebit irrizulta li fuq wara ta' din il-gakketta ossia sidrija, hemm miktub il-kliem tal-marka **"AC"[191].** Il-posizzjoni u ghamla tal-kliem jikkoincidu mad-disinn li jidher fuq il-gakketta tal-'pustier' hekk kif jaghti dahru lill-camera biex b'hekk inqabad fuq il-*footage.*

m. Il-qies tal-gakketta hu wiehed <u>addatt</u> ghall-istatura ta' Cardona minkejja li jidher li din hi gakketta maghmulha ghal mara bis-*size* indikat bhala dak ta' 14-18.

n. Anna Sammut tixhed li dak li ghamilha ta' pustier, *"dak li gie jhabbatli"*, poggilha sikkina ma ghonqha.[192]

o. Il-filmat tas-*cctv footage* ma jhalli ebda dubbji dwar l-identita` ta' dak li ghamilha tal-pustier. Jidher cjar l-imputat **Mark Anthony Cardona**, **b'linja mustacci irqaq.** Il-Qorti tinnota li ftit xhur wara li nbdew dawn il-proceduri w minn zmien ghal zmien sa propju fis-seduta tal-14 ta' Settembru, 2020, Cardona *rega' halla l-mustacci irqaq* hekk kif jidher fil-*mug shots* esebiti! Ezatt kif gie deskritt minn Anna Sammut l-aggressur li ghamilha tal-psustier!

p. Hu l-istess imputat li jaghmel <u>diversi hinijiet</u> wieqaf quddiem il-*camera*. Fil-filmati **Cardona jidher cjar, inkluz l-ilbies tieghu**. B'hekk wassal mhux biss lill-investigaturi biex jiddentifikawh bla diffikulta` izda wisq aktar lil din il-Qorti.

q. Il-figura znella, twila tal-pustier li jaghmel diversi hinijiet kemm wieqaf kif ukoll ghaddej quddiem il-*camera*, tappartjeni lil Mark Anthony Cardona u lil hadd izjed!

[191] Mit-tikketta ta' gewwa jidher li din hi l-marka tad-ditta *Anna Morelle Casual Wear.*
[192] Fol.16

**Gurisprudenza**

Issa li gew kkunsidrati l-provi, u salv dak li ntqal rigward l-identifikazzjoni cjara u minghajr diffikulta` ta' Cardona, imiss li ssir riferenza ghat-taghlim gurispridenzjali dwar il-forza probatorja ta' provi indizzjarji.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija** vs **Eleno sive Lino Bezzina** gie deciz:[193]

> Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat *'beyond reasonable doubt,'* kif gie deciz fil-kawza **"Pulizija vs Bugeja",** tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.
>
> Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.
>
> Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **"Pulizija vs Peter Ebejer"** deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997 qalet illi:-
>
> *"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **"Miller v. Minister of Pensions"** [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*
>
> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374).*

Fid-decizjoni taghha **Il-Pulizija vs Lela Ristic,**[194] il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet ezami *funditus* dwar dak li jikkostitwixxi prova indizzjarja jew kif ahjar maghrufa *'circumstantial evidence'*:

---

[193] Per Onor. Imhallef Raymond C. Pace, Onor. Imhallef David Scicluna u Onor. Imhallef Joseph R. Micallef; Deciza 24 ta' April, 2003, Att t'Akkuza Numru 10/1994
[194] Per Onor. Magistrat Aaron M. Bugeja; Deciza 16 ta' Dicembru, 2015

At law the position in Malta relative to circumstantial evidence that can lead to a conviction was analysed in various judgments, including ***Il-Pulizija vs. Abderrah Berrad et***[195] decided by the Court of Magistrates (Malta) where the main principles were outlined as follows : -

Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.

Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li **huma univoci**.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg'**, fejn kien gie ritenut li **provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.**

Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li **kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih** u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra **kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu**.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fissitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'**, "Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the

[195] Per Onor. Magistrat Consuelo Scerri Herrera; Deciza 19.05.2014; ***Il-Pulizija vs Abdellah Berrad, Youness Berrad.***

inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja..... .

Thus in order for a Court of Criminal Jurisdiction to be able to secure a conviction on the basis of circumstantial evidence:-

(a) it has to assess this evidence with a high degree of circumspection and attention (*if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another*);
(b) it has to be sure that a direct link is established between the alleged perpetrator and the offence itself – and no other person apart from the accused;
(c) it has to be univocal and not equivocal or ambiguous (*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference*);
(d) it has to ensure the continuity of the chain of evidence;

(e) it has to be such that it leads the Court to conclude, solely on its basis that the accused committed the crime beyond a reasonable doubt.

Now in this case the clear evidence that shows the accused rummaging among the personal property of the Zammit family is taken from an incident that took place on the 20th June 2014 and not the 23rd May 2014. Can this piece of evidence lead to a presumption of fact in the sense that once the accused was seen rummaging on the 20th June 2014 then it was automatically and solely she who did the same and stole the €2000 on the 23rd May 2014? According to law, it is possible for a presumption of fact to arise from circumstantial evidence. According to Blackstone's **Criminal Practice,**[196] Lord Simon in **DPP v Kilbourne**[197] stated the following : -

The Lord Justice-General (Lord Clyde) started his judgment: 'The question in the present case belongs to the department of circumstantial evidence. This consideration is vital to the whole matter …'

Circumstantial evidence is evidence of facts from which, taken with all the other evidence, a reasonable inference is a fact directly in issue. It works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities.[198]

On the otherhand, according to Mr Justice Joseph Galea Debono in **Il-Pulizija vs James Abela,**[199] a presumption of fact :-

[196] 2013, F1.18 to F1.27
[197] [1973] 1 All ER 440 at 462; [1973] AC 729 at 758.
[198] Ara wkoll **Exall (1866)** 4 F&F 922 at 929 per Pollock CB.
[199] Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 11 ta' Lulju, 2002.

"tqum fejn meta il-"fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti." .....
[emfazi tal-Qorti]

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Attard**:[200]

Fi kliem **Sir Rupert Cross**, *'Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstantial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact'.*

U fl-edizzjoni ta' l-2001 ta' **Archbold** jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt: *'A presumption arises where from the proof of some fact the existence of another fact may naturally be inferred without further proof from the mere probability of its having occurred. The fact thus inferred to have occurred is said to be presumed, i. e. is taken for granted until the contrary is proved by the opposite party…And it is presumed the more readily, in proportion to the difficulty of proving the fact by positive evidence, and to the facility of disproving it or of proving facts inconsistent with it, if it really never occurred.'* [***Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda*** *App Krim – 24/04/2002]."*

Iggwidata ghalhekk b'dawn il-principji ta' dritt probatorju fil-kamp penali din il-Qorti allura tqies illi d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti kienet wahda gusta u li allura dik il-qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha. Dan ghaliex il-provi jistabbilxxu l-presunzjoni ta' fatt li kien l-appellanti u hadd iktar qieghed isuq vettura taht l-influwenza tax-xorb, liema provi qatt ma gew kontradetti minnu.

Imbghad il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri***[201] ddecidiet:

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda ....... biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
[sottolinejar tal-Qorti][202]

---

[200] Qorti tal-Appell Kriminali; Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Deciza 22 ta' Settembru, 2016; Appell Nru: 127/2016

[201] Per Onor Imhallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella; Deciza 5 ta' Lulju, 2002.

[202] Vide ukoll mill-istess Qorti per Onor. Profs. H. Harding, Onor. Imhallef Joseph A. Herrera u Onor. Imhallef Carmel A. Agius, **Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada; Deciza 15 ta' Mejju, 1990:** ***L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci.***

Fuq l-insenjament li saret riferenza ampja ghalih u fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, fejn **il-provi indizzjarji mehuda fl-assjem taghhom huma tassew univoci w jwasslu lil din il-Qorti ghal dik ic-certezza morali** li l-imputati odjerni (flimkien ma terz) kienu involuti bhala ko-awturi u cioe` persuni principali fis-serq bi vjolenza li sehh ghad-detriment ta' Anna Sammut.

Dwar l-irwoli taghhom bhala ko-awturi fis-serq aggravat *inter alia* bil-vjolenza, issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Richard Grech:**[203]

> **47.** Illi sabiex l-appellant jista' jinstab hati bhala ko-awtur f'dawn id-delitti jrid jirrizulta sodisfacjentement ippruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali tieghu ma' l-ezekutur jew ezekuturi dirett/i tal-att li bih kien ikkonsumat ir-reat, izda u fuq kollox illi huwa ppresta l-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi jrid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn tnejn jew aktar persuni ghall-fini li jigi kommess id-delitt. Mankanti din l-intenzjoni u cioe' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar persuni, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu l-hajja. Kwindi jrid jigi ppruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[204]"
>
> **48**. Dak allura illi jrid jirrizulta mhuwiex biss l-att materjal li jindika l-presenza fizika ta' l-akkuzat fuq il-post tad-delitt ghaliex dan l-element wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita', izda wkoll irid jirrizulta illi huwa jkun ha sehem attiv fil-kommissjoni tar-reat u wkoll illi kien hemm 'l hekk imsejjah "*common design*" bejn l-malviventi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-fatt materjali wahdu li persuna tkun ghenet biss fil-kommissjoni tad-delitt ghalhekk ma jistax iwassal ghall-figura tal-ko-awtur, izda ghal dak tal-komplici billi kif inghad l-ko-awtur irid necessarjament ikun ha sehem attiv fil-kommissjoni tad-delitt u mhux semplicement offra l-ghajnuna tieghu fil-preparazzjoni ghall-kommissjoni tar-reat jew sabiex l-att materjali tal-ezekuzzjoni tad-delitt jirnexxi. Dan ifisser allura meta applikat ghal fattispecje ta' dan il-kaz illi :
>
> > **"Jekk hemm il-hsieb bejn zewg persuni, wiehed huwa l-awtur, dak li fil-fatt jispara u l-iehor li jkun mieghu li ma jisparax, galadarba ghandu l-istess hsieb li joqtlu, u la qieghed hemm jiehu parti attiva - f'dak il-kaz it-tieni persuna li ma tisparax li qed tiehu parti attiva hija l-ko-awtur.**
> >
> > **Il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat.[205]**

---

[203] Per Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon, Agent President, Onor. Imhallef Abigail lofaro, Onor Imhallef Edwina Grima; Dec. 31 ta' Ottubru 2018; Att ta' l-Akkuza numru 27/2007

[204] App.Krim 24/05/2002; **Il-Pulizija vs Carmelo Agius et**.

[205] Deċiża fl-14/12/2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mill-Imħallfin De Gaetano Vincent, Filletti Joseph A., Scicluna David - - **Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**.

Mhux biss izda:

> **'Min ihajjar lil persuna ohra biex tikkommetti s-serq, u waqt li dik il-persuna tikkommetti s-serq jiddistrahi lil dawk li jkunu prezenti, huwa ħati ta' serq huwa wkoll bħala ko-awtur; għaliex huwa ko-awtur f'delitt minħabba parteċipazzjoni materjali mhux biss dak li jkun l-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat, imma anki min b'xi mod iehor jippresta ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt.'**[206]

**49.** Illi kif inghad aktar 'il fuq huwa stabbilit illi l-appellant kien wiehed mill-imhuh wara l-ftehim li sar bejnu u l-awturi l-ohra sabiex jigi kommess id-delitt. Kien hu li flimkien ma' Chris Scerri u James Vella fasslu pjan sabiex jisirqu il-basktijiet li fil-fehma taghhom kienu jikkontjenu l-flus minn fuq il-persuna ta' Alphonse Ferriggi li kien jasal kmieni fil-ghodu bil-konsenja l-bank. Kien l-appellant li haseb biex idahhal lil Joseph Zammit sabiex jassistihom fil-kommissjoni ta' l-istess ghaliex kien tal-fehma illi kien kapaci iharrabhom wara l-kommissjoni tad-delitt billi jistenniehom b'vettura ohra sabiex ma jaghtux fil-ghajn li kienu involuti fil-kommissjoni ta' l-istess. Mhux biss izda huwa stabbilit ukoll, kif diga` nghad, illi l-appellant kien prezenti fuq ix-xena tad-delitt sabiex jassisti b'mod dirett fl-esekuzzjoni ta' dan il-pjan pre-ordinat, ghalkemm huwa baqa` jinnega illi kien prezenti u li spara lil Ferriggi.

**50.** L-appellant jishaq ukoll illi huwa ma kienx jaf illi l-komplici tieghu kellhom arma tan-nar fil-pussess taghhom, li ghalkemm hija skreditata mill-provi, madanakollu anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha temmen il-verzjoni tieghu xorta wahda dan ma jistax awtomatikament jezonerah mir-responsabbilta` penali ghall- konsegwenzi li sehhew.

**51.** Fis-sentenzi fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Zammit**" [207] u "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew Mizzi**" [208] għal dak li jirrigwarda kompliċita`, u l-korelazzjoni u l-komunikabilita' mal-awtur jew l-awturi tar-reat kien ddikjarat hekk :-

> **In materja ta' komplicita', tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li jghid il-Professur Sir Anthony Mamo**[209]**:**
>
> **"... if a man, with the object of aiding the commission of a theft, assists the principal to enter into the house, knowing that he had provided himself with a weapon for the purpose of facilitating the theft if it should be found so necessary, will be co-responsible for the theft aggravated by 'violence' if the principal actually makes use of that weapon in perpetrating the theft. Nani**[210] **puts the rule in the following words: 'Se la scienza del complice non si estendesse alla qualita' del delitto medesimo, non potrebbe a lui comunicarsi quella distinta imputabilita' la quale e' inerente alle qualita' ignorate del delitto, e conseguentemente non potrebbe essere colpito da quella specie o da quel grado maggiore di pena che la**

---

206 Deċiża fil-25 ta' Ottubru 1958 mill-Imħallef Dr. W. Harding - **Pulizija vs Joseph Scicluna** app.inferjuri.

207 Deċiża fl-20 ta' Jannar 2011 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallfin Raymond Pace, David Scicluna u Joseph Zammit Mc Keon.

208 Deċiża fl-24 ta' Frar 2014 mill-Qorti Kriminali mill-Imħallef Michael Mallia.

209 Lectures in Criminal Law, P. I, p. 148 – 149.

210 Principii di Giurisprudenza Criminale, s. 155.

**legge avesse riservato al delitto cosi' qualificato .... Questa scienza per altro dovrebbe presumersi per le qualita' connesse col delitto conosciuto o talemente dipendenti dalla non ignorata commissione del medesimo che la commissione del delitto importasse ancora la previdenza delle qualita' medesime.'**
**"....when the principal causes a more serious event or result than was in the contemplation of the accomplice, then the doctrine commonly accepted on the continent may be briefly stated as follows:**

**"i. If the principal deliberately commits an offence which is wholly different from that ordered or advised by the accomplice, the latter is not liable for the offence committed....**

**"ii. In all other cases, a distinction is made between what is called excess in the means ('eccesso nei mezzi') and excess in the purpose ('eccesso nel fine'). There is the former where the principal uses means different from those concerted between the parties: e.g. the original common design contemplated the use of a stick to beat a person, but the principal uses a sword and kills that person. In this case the responsibility for the more serious result is wholly of the principal. There is an excess in the purpose where, though the means are those actually combined between the parties, they produce a more serious result than that originally contemplated. In any such case, if the graver result ensues as a natural and foreseeable consequence of the means used or owing to the negligence (i.e. not to the deliberate intention) of the principal, liability for the graver result is contracted also by the accomplice: for, although he may not have expressly desired that result, nevertheless he maliciously wanted the means which by their very nature could cause that result[211].**

**"This is, as Maino says, the doctrine universally accepted on the continent. With us it applies subject to the express provisions of our law which, as we have seen, extends liability in respect of the aggravating act to all parties to the criminal enterprise with whose previous knowledge it was perpetrated and even to those who, becoming aware of the aggravating act at the time of its perpetration, and being able to prevent it, did not do so."**

**52.** <u>**Francesco Antolisei**</u> wkoll josserva[212] :-

**"Nell'ipotesi, poi, che una rapina sia sfociata in un omicidio (ipotesi tutt'altro che infrequente nella pratica e grave di conseguenze), bisognera' considerare se l'uccisione sia stata il risultato di una insospettabile, e percio' eccezionale, resistenza della vittima o di altri avvenimenti singolarissimi. Nel caso che a tale quesito si risponda negativamente, i compartecipi che non vollero l'uccisione ne risponderanno."**

**L-istess awtur jirreferi ghal sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni tat-18 ta' Novembru 1960 fejn gie ritenut li "in casi in cui un rapinatore a mano armata aveva ucciso**

---

211 Carrara, Programma, s. 500 – 504; Maino, 63, s. 339; Chaveau et Helie, Vol. I, Part I, Cap. XII, s. 279.
212 Manuale di Diritto Penale – Parte Generale, sesta edizione , Giuffre` – 1969.

**uno degli aggrediti, ha ritenuto la responsabilita' per omicidio volontario ex art. 116 c. P. di tutti i concorrenti nella rapina."**

**53.** Fid-dawl tal-premess, jidher car illi min qiegħed fuq ix-xena tad-delitt u jkollu rwol dirett anke jekk mhux ewlieni fl-eżekuzzjoni tar-reat jitqies li huwa ko-awtur fid-delitt kommess, mhux kompliċi, ghalkemm jista' ikollok il-figura tat-tnejn fl-istess persuna bħal per eżempju l-persuna li tkun iffurmat il-pjan jew ħajret lil ħaddieħor jipparteċipa fid-delitt li sussegwentement pero' tipparteċipa hi wkoll direttament fil-kommissjoni tar-reati nnfushom meta dawn ikunu fl-eżekuzzjoni tagħhom.

**54.** Stabbilit dan l-insenjament gurisprudenzjali allura l-figura tal-appellant tissarraf f'dik ta' ko-awtur fil-kommissjoni tad-delitt mertu ta' dana il-kaz, anke jekk l-appellant seta' ma kienx il-persuna li spara t-tir kif qed jallega. Dan ghaliex jekk huwa ppruvat illi l-appellant kien konsapevoli li kienet ser tintuza arma tan-nar fl-esekuzzjoni tad-delitt, ghalkemm ma jirrizultax ftehim ċar li persuna sejra tinqatel bl-arma li l-malviventi ikollhom fil-pussess taghhom waqt l-ezekuzzjoni, xorta waħda l-appellant jitqies bħala ko-awtur u xorta waħda jitqies responsabbli daqslikieku kien hu stess li spara l-arma lejn Ferriggi.

[sottolinejar ta' din il-Qorti]

Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni u cioe` dik ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi €2,329.37, tirrizulta ampjament ippruvata.

## It-Tieni Imputazzjoni

It-tieni imputazzjoni tirrigwarda r-reat ravvizat bl-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali, f'dan il-kaz aggravat skond id-disposizzjoni msemmija fl-artikolu 87(1)(e) tal-Kodici

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omissis et:**[213]

Issa biex jissussisti r-reat tas-sekwestru tal-persuna huwa bizzejjed illi tirrizulta xi wahda mic-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 86 u cioe' l-arrest, jew iz-zamma jew issekwestru tal-persuna kontra l-volonta taghha. Ili fuq ir-reat in dizamina inghad:

***"Ghandu jigi osservat li ghall-fini tar-reat in dizamina huwa bizzejjed, biex jikkonfigura dana d-delitt, li persuna tigi jew arrestata jew mizmuna jew issekwestrata kontra l-volonta` taghha u minghajr ordni skond il-ligi ta' lawtorita` kompetenti.[214]"***

***"'Illi l-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] ) meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid :- "the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty :***

[213] Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Nru: 287/2015; Dec. 28 ta' Frar, 2018

[214] **Il-Pul vs Chrisopher Ellul** - App.Inf. 07/05/2001

***"Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid , para 323) …Thus a person may be arrested without being 2 Il-Pul vs Chrisopher Ellul - App.Inf. 07/05/2001 10 incarcerated or confined in any place ; or may be detained in his own house without having been previously arrested."' [215]***

Issa huwa indubitat illi l-appellanti kienet kompartecipi mal-ko-akkuzati taghha fil-kumissjoni ta' dan ir-reat. Dan ghaliex jirrizulta inkontestat illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali taghha ma'l-ezekuturi diretti tal-att konsumatur tar-reat izda u fuq kollox illi hija ipprestat il-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt mhux biss billi akkompanjat lill-ko-akkuzati l-ohra fis-sekwestru u zamma ta' Agius, izda ir-reat sehh bl-uzu tal-vettura taghha bl-akkwixxenza taghha u sahansitra baqghet ghassa ma' Agius meta l-ohrajn hallew il-vettura, ghalkemm jidher illi Agius irnexxielha tahrab.

Il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Deemer Tabone** ghamlet ezami *funditus* ta' dan ir-reat:[216]

Fil-forma oriġinali tiegħu l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali jirriproduċi kważi kelma b'kelma l-Artikolu 169 tat-Tieni Ktieb tal-Codice per lo Regno delle due Sicilie li kien jippreskrivi s-segwenti:-

Chiunque senza ordine delle autorita' costituite e fuori de' casi ne' quali la legge autorizza i privati all'arresto degl'incolpati, arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona, o presti il luogo per eseguire un tale arresto o sequestro sara' punito del primo grado de' ferri nel presidio.[217]

Skont il-maġġoranza tal-awturi ta' dak iż-żmien riċerkati minn din il-Qorti jirriżulta li dan ir-reat kien imnissel mir-reat aktar qadim ta' "carcere privato". Sa minn żmien il-**Carmingnani** kien ġie rikonoxxut li dan ir-reat ma hux rifless biss fl-ipoteżi tal-arrest ta' persuna mingħajr awtorita leġittima.[218]Il-**Carmignani** kien jiddistingwi bejn ir-reat ta' **carcere privato** – (a) fis-sens proprju ristrett u dak ta' (b) **carcere privato per equipollenza**. Biss sa minn din it-tifsira bikrija jirriżulta li l-kunċett ta' *carcere privato* kien ristrett għall-ipoteżi ta' attest attwali, detenzjoni jew sekwestru ta persuna.

E' vero carcere un locale da tutte le parti chiuso, affin di ritenervi o punirvi gli uomini, cio' che fu' una delle insigne e dei simboli della magistratura (2) s'intende poi tale per equipollenza quando taluno nella propria casa abbia coll'ajuto dei suoi servitori o senza, legato un uomo, oppure, se non legato, rinchiuso (3).

---

215 **Il-Pul vs Mohamed Elbozidi** – 19/02/2004 App.Inf

216 Per Onor. Magistrat Dr. Aaron M. Bugeja; Dec 15 ta' Lulju, 2016

217 Il Codice per lo Regno delle due Sicilie, Prima Edizione, Parte Seconda, **Avv. Luigi Dentice** & Co., Napoli, 1849, page 38

218 Elementi di Diritto Criminale**, Giovanni Carmignani**, Prima Edizione Italiana del Professor Caruana Dingli, 2a edizione napolitana sull'ultima di malta, Napoli, 1854, page 248-249.

**Francesco Sav. Arabia**[219] li jikkummenta wkoll fuq il-Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet jgħid li -

> *Arresta* chi privando un'uomo della sua liberta' lo riduce in luogo chiuso ma riconosciuto come carcere, o anche lo consegni ad una autorita' pubblica: *detiene* chi trovando altri in luogo chiuso gl'impedisce di uscirne: *sequestra* chi priva altri della sua liberta' separadolo dal consorzio di coloro da cui potrebbe essere soccorso. Da queste tre voci usate dal legislatore e che nell'linguaggio legale non pare che possono avere una distinzione diversa da quella che abbiamo indicato, e' chiaro come qualunque impedimento alla liberta' civile e' compreso nella sanzione di questo articolo. [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Skont l-Arabia dan ir-reat mhux limitat għal meta tiġi mhedda biss il-liberta' naturali tas-suġġett passiv iżda wkoll meta l-liberta' ċivili tas-suġġett passiv tiġi newtralizzata – kunċett evidentement aktar wiesa' minn dak ta' liberta naturali.

Biss il-Codice per lo Regno delle due Sicilie espanda fuq il-kunċett ta' *carcere privato* billi żied b'mod espliċitu mhux biss l-ipoteżi tal-arrest jew detenzjoni iżda wkoll dik tas-sekwestru ossija *sequestro.* Dawn huma għalhekk tliet ipoteżi differenti li pero jikkostitwixxu r-reat tal-*carcere privato*. Maż-żmien din it-tifsira tal-*carcere privato* evolviet u diversi awturi Taljani oħra spjegaw sitwazzjonijiet differenti fejn persuna tkun tista' tiġi arrestata illegalment minkejja li ma tkunx konfinata fi spazju fiżiku delineat bħal residenza jew ambjent magħluq. [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Skont ir-**Roberti**[220] dan ir-reat kien jaqa' fil-kategorija ta' reati intiżi li jittutelaw il-liberta' personali minkejja l-fatt li kienu jinsabu fis-sub-titolu *Dell'uso privato de' mezzi della pubblica autorita'*. **Roberti** jgħid :

> La legge adopera l'espressioni *arresti, detenga o sequestri qualsiasi* persona. Esse non sono certamente sinonimi, ma ciascuna indica un modo speciale con cui si puo' attentare alla liberta' della persona. Era per diritto antico espressamente disposto che sotto il nome di carcere privato non s'intendesse solamente la detenzione arbitraria in luogo chiuso da tutti i lati a forma di carcere, ma anche l'impedimento qualunque recati ad altrui sia legandolo, sia trasportandolo suo malgrado **o facendolo ovunque trattenere per forza .... che il reato preveduto nell'art. 169 esista sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova**; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.[221]

**Ferrarotti,** li jikkummenta fuq il-Kodiċi tal-Piemonte[222] li kien jippreskrivi disposizzjoni simili għall-dik kontemplata fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku aktar il-fuq imsemmi jistqarr :

Havvi arresto o sequestro criminoso di persona, ogni volta, che un individuo e' stato privato della piena liberta' individuale; non e' necessario il concorso della forza materiale e della violenza; *cass. 18 luglio 1849 ricorso Torre – Bettini.* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

---

[219] I Principi del Diritto Penale, 2a. Edizione, Volume 1, Napoli, 1859, page 48.
[220] Corso Completo del Diritto Penale, Volume 4, Napoli, 1834 page 378.
[221] Enfażi miżjuda [minn dik il-Qorti]
[222] Commentario Teorico-Pratico del Codice Penale, **T. Ferrarotti**, Torino, 1860, p 294

Dan ifisser li biex jitwettaq id-delitt tal-arrest jew żamma illegali mhux meħtieġ li jkun imwettaq b'xi vjolenza jew bl-eżerċizzju ta' forza materjali fuq is-suġġett passiv tar-reat. Skont dik il-Liġi jekk ikun hemm vjolenza jew forza materjali eżerċitata fuq is-suġġett passiv, is-suġġett attiv jirrendi ruħu responsabbli għar-reat fil-forma kwalifikata tiegħu. Inoltre huwa jtenni li ma hemmx bżonn li jiġi determinat jew stabbilit xi motiv speċifiku wara l-arrest, żamma jew sekwestru tas-suġġett passiv.

Il-**Buonfanti** fil-Manuale Teorico-Pratico del Diritto Penale, kummentarju fuq il-Kodiċi Penali tat-Toskana[223] jgħid : -

Bisogna dunque distinguere in questo delitto il fatto *materiale,* e la sua *moralita'.* Il fatto materiale puo' effetuarsi in tre modi distinti per *l'arresto,* la *detenzione,* il *sequestro*. Questi tre fatti differenti, per essere dalla legge repressi non esigono la presenza simultanea di ciascuno di essi; sono tre delitti analoghi che possono sia riunirsi in uno solo, sia verificarsi isolatamente, e in ciascuna di queste ipotesi, come e' facile il dimostrare essi ugualmente costituiscono il reato in esame. Quindi lo arresto momentaneo d'una persona senza ch'essa sia stata rinchiusa in quasivoglia luogho; la sua detenzione nella casa propria e conseguentemente senza che essa sia stata precedentemente arrestata; finalmente, e a piu' forte ragione, il sequestro della medesima in un luogo solitario, questi tre fatti, identici pel loro carattere, differenti per la loro forma, costituiscono dei delitti indipendenti l'uno dall'altro, ma si confondono in una stessa imputazione….D'onde la regola generale, essere sufficiente che la persona non abbia potuto ritirarsi liberamente, perche essa possa essere considerata come arrestata o detenuta… Quanto poi alla *moralita'*, ossia alla causa del fatto, perche questo possa reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dello agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un' autorita' che ai soli magistrati si appartiene.

Dan l-element tal-*moralita*' huwa wkoll rifless fl-argumentazzjoni aktar bikrija tal-**Carmignani** li saħaq fuq l-importanza tal-użurpazzjoni tal-awtorita' maġistrali riflessa fl-azzjoni tas-suġġett attiv. Huwa jżid :

> Quanto poi alla causa del fatto medesimo, perche questo abbia a reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dell'agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un autorita' che ai soli magistrati compete.

Bħal **Ferrarotti,** ir-**Roberti** jisħaq li l-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku ma jirrikjedix li jiġi pruvat il-motiv wara l-arrest, id-detenzjoni jew is-sekwestru illegali; u li l-att innifsu magħmul bl-intenzjoni kriminuża huwa suffiċjenti biex jiġi integrat ir-reat. Huwa jtenni wkoll li dan ir-reat għandu wkoll mir-reat ta' *vie di fatto* (simili għar-reat ta' *ragion fattasi*). Biss ir-**Roberti** jtenni li kontra d-dritt Ruman u l-Kodiċi tal-1808 li kienu jiffiguraw ir-reat ta' *carcere privato* bħala li jirrifletti l-intenzjoni tas-suġġett attiv li jieħu l-Liġi b'idejh fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku dan ir-rekwiżit ma kienx meħtieġ.

Iżda l-istess awtur jikkonċedi li fil-maġġoranza tal-każijiet l-arrest, iż-żamma jew is-sekwestru ta' persuna ikun imwettaq mis-suġġett attiv sabiex jimponi lilu innifsu forzożament fuq is-suġġett passiv jew fuq sitwazzjoni b'mod li għalhekk jieħu l-liġi b'idejh permezz t'azzjoni unilaterali. Huwa jtenni li dan setgħa jiġi inferit mill-fatt li l-Leġislatur Borboniku qiegħed ir-reat ta' *carcere privato* immedjatament wara r-reat ta' *vie di fatto.* U dan huwa eżattament dak li għamel il-Leġislatur Malti li kkolloka r-reat tal-arrest illegali immedjatament wara r-reat ta' *ragion fattasi*!

[223] **J. Buonfanti**, Pisa, 1849 page 819

Anna Sammut tixhed kif hekk kif il-malviventi dahhlu fuqha, qalghet daqqa ta' sieq bl-irkoppa go genbha, **intrabtulha saqajha** u dak li ghamilha ta' pustier **poggilha sikkina ma ghonqha**.[224] B'id wahda giet fgata w b'ohra nghalqilha halqa filwaqt li qalulha toqghod kwieta ghax joqtluha.[225] Kienet **mghassa il-hin kollu**, tant li l-malviventi tbiddlu bejniethom sabiex jassiguraw rwiehom li din ma tithalliex wahedha fl-ebda hin.[226]

Sammut tiddeskrivi wkoll, in sostenn ta' din it-tieni imputazzjoni, kif hi **thalliet marbuta** mill-malviventi w kien biss wara li dawn hallew il-fond li rnexxiela tinhall mill-irbit.[227]

Fuq dawn ir-rizultanzi processwali, din l-imputazzjoni giet ampjament ppruvata ukoll.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Mhemmx dubbju li l-esperjenza ta' tkexkix li giet mgielgha tghaddi minnha Anna Sammut, hallietha fi kliem l-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar "*ssofri minn anzjeta` u nevrozi trawmatika (Post Traumatic Stress Disorder) b'rata ta'* ***dizabilita` ta' 10%***" tant li gie rrakomandat li Sammut tibqa' f'kuntatt regolari ma tim psikjatriku.[228]

Minkejja dikjarazzjoni serjissima bhal din maghmula sa mit-tieni seduta ta' dan il-procediment u ghalhekk fi stadju ferm bikri ta' dawn il-proceduri, il-prosekuzzjoni ghazlet ma temmendax it-tielet imputazzjoni (dik ta' offizi hfief) biex tirrifletti il-gravita` tal-griehi kkawzati fuq Anna Sammut.

Ghaldaqstant u minkejja li jirrizulta manifestament li n-natura tal-griehi mgarrba minn Sammut huma ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali[229] (reat li wahdu jgorr piena ta' bejn hames u ghaxar snin prigunerija), idejn il-Qorti huma **marbuta bl-artikolu** indikat mill-Avukat Generali meta qed issib htija ghal din l-imputazzjoni.

---

[224] Fol.27
[225] Fol.28
[226] Ibid.
[227] Fol.32-33
[228] **Dok.JC** a fol.89
[229] **218.** (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin -
(*a*) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ; …..
(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.

**Ir-Raba Imputazzjoni**

Jigi sottolinejat ukoll li kif tixhed id-dicitura ta' din l-imputazzjoni, filwaqt li l-prosekuzzjoni addebitat lill-imputati bir-reat ravvizat bl-artikolu 6 tal-***Att dwar L-Armi***, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta,[230] fl-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, **dan artikolu baqa' ma giex indikat** minnu u gie indikat minflok l-**artikolu 55(a) tal-Att,**[231] li ghalkemm il-fatti certament jaghtu lok ghal sejbien ta' htija ghal dan l-ir-reat - tent kont li c-cirkustanzi deskritti fl-artikolu 55(a) tal-Att manifestament jirrizultaw- l-imputat baqa' ma giex addebitat b'dan ir-reat.

Fil-fatt l-Avukat Generali indika wkoll l-artikolu 51(7) tal-Att dwar l-Armi; propju dik id-disposizzjoni li tistabilixxi il-piena ghal reat ravvizat bl-artikoli 6 u 21[232] ta' dak l-Att.

Jinghad ukoll ghal kull buon fini li l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija, sabiex jixhed dwar x'licenzji seta' kellu registrati fuq ismu l-imputat.

Ghaldaqstant ma tintsax tinstab htija fuq din l-imputazzjoni kif formulata.

**Il-Hames Imputazzjoni**

Il-**P.L. Eunice Grech Fiorini,** Registratur Qrati Kriminali, esebiet sentenza moghtija fil-konfront ta' Mark Anthony Cardona mill-Magistrat Micallef Trigona datata it-8 ta' Mejju, 2002.[233] Jirrizulta li Cardona, li tieghu jirrizultaw il-konnotati, kien tpogga' taht ordni ta' probation fuq reat ta' serq.

---

[230] **6**. Salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.

[231] 55.Salv kull dispożizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' armi tan-nar, kull min -
(a) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà (minbarra ħsara involontarja fil-proprjetà); jew
(b) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt, ikollu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti,
ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn erba' snin,kemm-il darba ma jgibx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop leġittimu

[232] **21.** Ebda negozjant jew persuna oħra ma għandha tbiegħ jew tikkunsinna ebda sikkina jew strument ieħor li jaqta' jew bil-ponta lil min ikun taħt l-età ta' tmintax-il sena

[233] **Dok.EF** a fol.494-495

L-ispettur Fabian Fleri[234] pprezenta sentenza datata t-13 t'April, 2010, moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi li permezz taghha Ryan Briffa gie kkundannat sitt (6) xhur prigunerija dwar serq,[235] kif ukoll sentenza ohra moghtija fil-konfront tieghu tal-21 ta' Gunju, 2016, mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale fejn gie mmultat €150.[236] Fiz-zewg sentenzi esebiti jirrizultaw il-konnotati tal-imputat Briffa.

Ghalhekk filwaqt li Cardona ma jistax jitiqes li hu recidiv, mhux l-istess jista' jinghad rigward Briffa.

**Is-Sitt Imputazzjoni (fil-konfront ta' Ryan Briffa wahdu)**

L-Ispettur Edmond Cuschieri esebixxa kopja tal-kundizzjonijiet dwar helsien mill-arrest moghtija fil-konfront ta' Ryan Briffa mill-Imhallef Dr. Antonio Mizzi tat-13 ta' Novembru, 2017, li fihom ix-xhud kien l-ufficjal prosekutur.[237]Minn dawn il-kundizzjonijiet jirrizulta li is-somma komplessiva ta' €10,000 tpoggiet bhala garanzija li permezz taghha nghata l-helsien mill-arrest.[238] Jirrizulta mill-verbal maqbul bejn il-partijiet tal-14 ta' Settembru, 2020,[239] li dawk il-proceduri ghadhom pendenti.

Riferenza ser issir ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) **Il-Pulizija v. Hussein Hamada:**[240]

> **F 'dan il-kaz, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eccetra il-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proceduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu nghataw ikunu ghadhom pendenti fil-mument meta jkun gie allegat li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest.** Dan ghaliex fil-kaz li dawk il-proceduri kriminali jkunu gew mitmuma, jintemmu wkoll il-kondizzjonijiet marbuta maghhom – salv il-kaz t'appell mis-sentenza fejn jistghu jkunu ritenuti vigenti skont l-Artikolu 416(1A) tal-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz din il-prova tal-vigenza tal-proceduri penali fil-mument li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk **il-Qorti ma tistax tassumi li ghadhom pendenti ladarba din il-prova ma ngabitx fl-atti mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk din il-Qorti sejra ssib li din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi u b'hekk ser tillibera lill-imputat minnha.**

234 Fol.554 et seq.
235 **Dok. FFZ** a fol.556-557.
236 **Dok.FFZ1** a fol.558-559
237 Fol.534 et seq.
238 **Dok.EC** a fol.536-554.
239 Fol. 657
240 Magistrat Dr. Neville Camilleri, Deciza 13 ta' Jannar, 2016

Imbghad isir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Dustin Bugeja**:[241]

> Illi illum bl-emendi li dahhlu fis-sehh permezz ta'l-Att VIII tal-2015 dina id-distinzjoni madanakollu mhux biss ma saritx mill-legislatur, izda dahhlet "*blanket provision*" li **ma thalli l-ebda diskrezzjoni** iktar f'idejn il-Qorti billi l-konfiska tal-garanzija jew depozitu ghandha issa tassattivament issir dejjem immaterjalment jekk il-ksur ikunx wiehed serju jew *de minimis*. [emfazi tal-Qorti]

L-istess Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Biondy Clayd RAAFENBERG** iddecidiet:[242]

> 10. Illi kwantu għat-tieni aggravju, l-Avukat Ġenerali għandu raġun. Fil-każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tal-Maġistrati ma għandhiex diskrezzjoni jekk tordnax li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandux jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta jew le. Il-Liġi hija tassattiva u bla kantunieri. Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja :
>
> (a) il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien; **u**
>
> (b) l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta; **u**
>
> (c) minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'dan ir-reat għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest; **u**
>
> (d) il-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna; **u**
>
> (e) il-proċedimenti għal dan ir-reat ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza; **u**
>
> (f) Il-Pulizija tista tidħol f'kull fond biex tiżgura li l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti jkunu qegħdin jiġu mħarsa; **u**
>
> (g) Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata ta' reat ta' ksur ta' kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.
>
> 11. F'dan l-isfond kollu għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx fis-sentenza tagħha ma tordnax il-konfiska tad-depożitu u tal-garanzija. L-appell tal-Avukat Ġenerali jimmerita li jiġi milqugħ.

Ghalhekk din l-imputazzjoni giet soddisfacentement ippruvata.

---

[241] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Deciza 25 ta' Frar, 2016; Appell Nru: 493/2013
[242] Per Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja; Deciza 12 ta' Dicembru, 2019; Appell Nru. 451 tal-2018

L-artikoli 15A u 532A tal-Kodici Kriminali

**Joanna Farrugia**, ufficjal tal-probation tixhed li fil-kors tas-*social enquiry report* tkellmet mal-vittma Anna Sammut li giet ***"affettwata b'mod sew fuq dan ir-reat.*** *Infatti ghadha in kuntatt mal-victim support unit u kien hemm effett jigifieri kemm b'mod fiziku fejn ghadha* ***tbghati minn physical ailment, psikologiku u anke finanzjarju.***...*xtaqet li tiehu kumpens kieku, avvolja she is not hopeful qalet li tiehu kumpens"*.[243]

Tenut kont dak li ghaddiet minnu Sammut, tali xewqa hi tassew wahda li l-Qorti tqis gustifikata.

Sfortunatament kif inghad aktar il-fuq, baqa' ma giex determinat ukoll l-ammont tad-deheb misruq w ghalhekk il-Qorti giet prekluza milli taghmel ordni ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali li permezz tieghu Sammut tigi kumpensata *in toto* ghal dak li minghandha gie misruq. Madanankollu jirrizulta li Sammut soffriet telf ta' flejjes fl-ammont ta' €5,426.[244]

Mill-banda l-ohra din il-Qorti giet preluza wkoll milli taghmel ordni ta' kumpens ghal ħsara morali u, jew psikoloġika, li soffriet Sammut tenut kont li d-disposizzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kodici Kriminali jipprovdi li biex qorti tista taghmel ordni ta' kumpens taht dan l-artikolu, ir-reat li tieghu l-parti offiza hi vittma, ghandu jkun wiehed jew taht it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb jew delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin prigunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb,

Issa f'dan il-kaz, minkejja li t-tobba esperti riskontraw offiza gravi fuq Sammut li halitilha dizabilita` permanenti, l-imputazzjoni baqghet ma gietx emendata biex tirrifletti dan il-fatt kif ukoll lanqas gie indikat mill-Avukat Generali l-artikolu ghall-offiza gravi, u minflok thalliet l-imputazzjoni dwar offizi hfief li certament ma jgorrx piena ta' *"mill-inqas tliet snin prigunerija"* kif stabilit b'dak l-artikolu.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena, il-Qorti qiset n-natura serjissima tar-reati li dwarhom qed tinstab htija. L-imputati qed jinstabu hatja ta' serq bi vjolenza fejn mara li kienet fis-sigurta` ta' darha, sfat misruqa mhux biss minn oggetti

[243] Fol.573B
[244] €5,426 li jirrizultaw mix-xhieda ta' Sammut. Vide **Dok.AS** u **Dok.AS1** a fol.34-35

materjali ta' valur izda, mill-isbah haga li persuna tista' tipposjedi fil-hajja, is-serenita` w is-sahha. Kif jixhed l-espert konsulent psikjatriku Dr. Cassar dan l-akkadut halla mara bi sfregju psikologiku; jixhed li Anna Sammut *"ssofri minn anzjeta` u nevrozi trawmatika (Post Traumatic Stress Disorder) b'rata ta' dizabilita` ta' 10%"* u rrakomanda li din tibqa' f'kuntatt regolari ma tim psikjatriku.[245]

Il-fedina penali aggornata tal-imputati turi b'mod cjar li l-opportunitajiet moghtija lilhom fil-passat ma servew ghal xejn.[246]

a). Il-fedina penali ta' Briffa taghti stampa disturbanti tal-passat kriminuz tieghu, fejn lanqas mill-inkarcerazzjoni ma tghallem. Passat mzewwaq minn numru ma jispicca qatt ta' reati fejn il-menefregizmu ghall-awtorita` w addirittura ghall-ligijiet hu wiehed lampanti.

F'din il-fedina penali hemm sejbien ta' htija wiehed wara l-iehor ghal reati taht il-Kapitoli 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta li jafu l-bidu taghhom fl-2007 u ghal **serq f'xejn anqas minn tlett okkazzjonijiet** (f'Mejju, 2008 u fi Frar, 2014, u ta' tentattiv ta' serq f'April, 2010). B'hekk m'hemmx dubbju li fir-rigward tieghu isib applikazzjoni l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali

Reati ohra jkomplu jirriflettu x'persuna hu l-imputat Briffa tenut kont li mill-istess fedina jirrizultaw ksur fuq ksur tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest, ksur ta' ordnijiet ta' probation, twettiq ta' reati fiz-zmien operattiv ta' sentenzi sospizi.

Enciklopedija ta' reati li twasslek ghall-konkluzzjoni li s-socjeta` taf tkun protetta minn individwi simili bl-inkarcerazzjoni biss. Meta bniedem, minkejja li ttieh kull opportunita` sabiex jirriforma w jipprova jinghata ghajnuna biex jintegra fis-socjeta`, ipattihlek billi jkompli jissokta fil-hajja refrattarja tieghu bir-reati mwettqa minnu jsiru ferm aktar gravi kif wera' li ma ddejjaq xejn iwettaq reat fuq mara li missieru kien jafha w kien midhla taghha.[247]

b). Mill-banda l-ohra l-fedina ta' Cardona turi li dan mhux xi *first-time offender;* mhux estraneju mal-ghatba tal-qorti tant li ghal diversi drabi wkoll rema' opportunitajiet li nghatwlu biex jirriforma. Jirrizulta li nstab hati ta' reati li jvarjaw minn serq, attakk u rezistenza ta' ufficjal pubbliku w pussess ta' sustanzi kkontrollati.

[245] **Dok.JC** a fol.89
[246] Fol.604 et seq.
[247] Fol.24, Xhieda ta' Sammut

Il-Qorti thassbet sew kif dan il-guvni, li mir-ritratti fuq il-*mobile/sd cards* tieghu, jidher ferm mahbub minn familtu, partikolarment ma dawk l-iktar ckejknin, fejn jidher felici ghall-ahhar meta mdawwar mal-familja u ma xi annimal, seta' wasal iwettaq att tant koddard u krudili li halla mara, li bhalu ghandha familja, mcahhda mis-serenita` psikologika taghha ghall-ghomorha!

Kien hu li wasal biex jinganna lil Sammut meta ppretenda li kienet irceviet pakkett postali biex serva ta' cavetta sabiex pjan meqjus izda tassew malinn maqbul flimkien ma shabu seta' jirnexxi. Izda lanqas dan ma kien bizzejjed ghaliex wara li irnexxilehom jiksbu access ghar-residenza ta' Anna Sammut, ma ddejjaq xejn izommilha sikkina ma ghonqha![248]

Hi x'inhi r-raguni ghal dan l-ghemil, jibqa' l-fatt li Cardona ghalkemm jammetti li ghadu jaghmel uzu mid-droga kannabis, *"ma jhossx li jrid jindirizzaha f'dan il-mument jigifieri l-kannabis ma jhossiex li hija problema ghalih f'dan l-istadju, jigifieri ma jridx ghajnuna fuqha"*.[249]

Dik ix-xelta li ma jiehux ghajnuna hija tieghu! Li hu zgur izda, hu li s-socjeta` tesigi ghajnuna effettiva w f'waqtha fejn tigi protetta minn ghemil simili da parti ta' Briffa u Cardona.

Kull membru tas-socjeta` huwa Anna Sammut potenzjali fejn lanqas id-dar taghha ma ghadha tista' toffri kenn u protezzjoni; fejn lanqas id-dawl tax-xemx ma ghadu joffri wens meta jitqies li s-serqa saret fis-1pm!

Ir-reat li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati kienu reati diretti mhux semplicement fuq il-patrimonju, izda fuq il-persuna ta' mara li x'hin kienet wahedha, u b'hekk l-aktar vulnerabbli, indifeza, sfat imdawwra minn tlett irgiel li stupraw is-sigurta' ta' darha, issekwestrawha, heddewha b'sikkina w wara li ssakkeggawha w hadu li kellhom jiehdu, hallewha marbuta mormija mal-art bhal bicca tal-art toqkrob ghall-ghajuna!

Din il-mara titlob gustizzja minn dawn il-Qrati bl-istess mod li jisthoqqilhom gustizzja w haqq l-imputati. Il-piena li ser tigi erogata trid necessarjament tkun wahda li tirrifletti l-gravita` ta' cirkostanzi simili. Il-Qorti qiset li l-imputati ma wrew l-ebda rimors ghall-ghemilhom. Wisq anqas ma ppruvaw jikkumpensaw lill-vittma.

[248] Xhieda Sammut a fol.16
[249] Fol.573B

Gie kkunsidrat li l-piena erogabbli ghas-serq aggravat bil-mezz, lok, bil-vjolenza u bil-valur li jeccedi l-€2,329.27, bhala ma hu l-kaz in dezamina, hi dik stabbilita bl-artikolu 280(2) tal-Kodici Kriminali. Galadarba bl-artikolu 274(c) tal-Kodici il-piena hi dik ta′ prigunerija ta′ bejn sentejn (2)-hames (5) snin u dik taht l-artikolu 279(b) tal-Kodici dik bejn tlettax (13) il-xahar sa seba (7) snin, l-artikolu 280(2) tal-Kodici jitlob li l-piena ravvizata bl-artikolu 279(b) tizdied bi grad u b′hekk tkun dik ta′ prigunerija ta′ bejn it-tmintax (18) il-xahar u disa (9) snin. Dan minghajr ma titiqes l-ebda zieda fil-piena ai termini tal-artikoli 50 u 289 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-imputat Briffa.

Ittiehdet konsiderazzjoni tal-fatt li l-piena ghat-tieni w t-tielet imputazzjonijiet hi assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Issir riferenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha I**l-Pulizija vs Anthony Cassar et**:[250]

> Illi l-piena erogata trid tkun tali illi taghmel gustizzja u li tfittex li tohloq bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u c-cirkostanzi attenwanti li jista' jkun hemm. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:
>
> **(a) the punishment of offenders**
> **(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)**
> **(c) the reform and rehabilitation of offenders**
> **(d) the protection of the public**
> **(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.**
>
> Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.
>
> Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –
>
> **' …. The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'**
>
> **Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**
>
> **'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'**

---

[250] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Dec.3 ta′ Lulju, 2020; Appell Numru: 113/2014

**Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**

**'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'[Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino]".**

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputati mir-raba imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 86, 87(1)(e), 221(3)(b), 261(a)(b)(ċ)(e), 262(1)(a)(b)(2), 263, 267, 269(g), 274(c), 275, 277(b), 279(b) u 280(2) tal-Kodici Kriminali,

U fil-konfront ta' Ryan Briffa wahdu wara li rat anke l-artikoli 49, 50, 289 u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

Issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontrihom u tikkundannahom kif gej:

Lil **Mark Anthony Cardona**, prigunerija ghal **seba (7) snin;**

Lil **Ryan Briffa**, prigunerija ghal **seba (7) snin u nofs.**

Inoltre` fil-konfront tal-istess **Ryan Briffa wahdu**,

Tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija ta' **€10,000** hekk kif indikat fid-digriet ghall-helsien mill-arrest moghti mill-Imhallef Dr. Antonio Mizzi nhar it-13 ta' Novembru, 2017.[251] Inoltre` **tirrevoka** ***contrario imperio*** **d-digriet tal-helsien mill-arrest** imsemmi w tordna l-arrest mill-gdid ta' Ryan Briffa.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja jhallsu l-ammont ta' **€1,885.88 kull wiehed** rapprezentanti terz tal-ispejjez peritali.[252]

[251] **Dok.EC** a fol.536

[252] F'din il-komputazzjoni huma eskluzi l-ispejjez (i) tar-relazzjoni tal-espert Keith Cutajar rigward *mobile phones* ta' Michael Mifsud (**Dok.KCMM** a fol. 344 et seq) u (ii) r-relazzjoni tas-Scene of Crime Officer dwar fotografija tal-*pick-up* (**Dok.JS** a fol.456 et seq).

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hatja jhallsu lura lil Anna Sammut is-somma ta' **€1,808**[253] rapprezentanti terz tal-flejjes li gew misruqa.

Din  l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod bħallikieku nghatat f'kawża ċivili bejn l-imputati w il-parte leza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**MAGISTRAT**

[253] €5,426 li jirrizultaw mix-xhieda ta' Sammut. Vide **Dok.AS** u **Dok.AS1** a fol.34-35